13



# MADONNA TA' PINU

**MADONNA TA' PINU**

perjodiku ta' kull tlett xhur

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

---

Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:

L-Editur,
"Madonna Ta' Pinu"
Ċentru Kulturali Marjan
Ta' Pinu, Għawdex.
Nru. tat-Tel: 556187

---

**Abbonament għal sena**

Lokali: 75c
Sostenitur: £M1.

Barra minn Malta: £M1.
Sostenitur: £M2.

**INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA**

Biex f'din is-Sena Marjana niksbu frott akbar mill Fidwa li ġabilna Kristu 1950 sena ilu.

Gozo Press.

SENA IV — Nru. 13

**JANNAR — MARZU 1983.**

---


* Il-Kelma tar-Rettur 385
* Frenċ tal-Għarb 386
* L-Għażliet ta' Marija 390
* Marija ċ-Ċentru ta' l-Unita' 394
* Minn hi Marija? 400
* San Massimiljanu Maria Kolbe 403
* U l-Ġibs deher jiċċaqlaq 405
* Mary be the mother of the salvation of the world 409
* Mary the Virgin 410
* Kronaka tas-Santwarju 412
* Ċelebrazzjoni Penitenzjali għażżgħażagħ 413
* Grazzi Madonna għax Smajtni 414


---

**STAMPA TAL-QOXRA:**

L-Istampa tal-qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fil-1935.

# *Il-Kelma tar-Rettur*

*"Ifthu l-bibien lill-Feddej". Dawn huma l-kelmiet li bihom il-Papa Ġwanni Pawlu II għalaq id-diskors tiegħu lill-Kardinali u lill-Kurja ta' Ruma, fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied.*

*Din l-aħbar ħadet lil kulħadd għall-għarrieda, għalkemm wieħed jista' jgħid li din is-sorpriża għandha timla lil kulħadd bil-ferħ meta wieħed jifhem l-għan li għalih ġie msejjaħ dan il-Ġublew. "Dan il-Ġublew" qal il-Papa, "iservi bħala sfida lill-bniedem tal-lum, lin-nisrani tal-lum, sabiex jifhem dejjem aħjar il-misteru tal-Fidwa, u jitħaddan minn din il-ħidma straordinarja ta' ġibda lejn il-Fidwa...Din il-ħidma spiritwali ċentrali għandha tkun mgħejjuna u mhejjija mill-Knisja kollha. Għalhekk għandna ngħixu b'ħeġġa kbira dan il-perijodu ta' żmien hekk importanti".*

*It-tnedija ta' din is-sena tal-Fidwa hija grazzja oħra li l-Mulej għoġbu jagħti lill-bnedmin biex jersqu aktar lejh, jifhmu aħjar il-kobor tal-imħabba tiegħu u fl-istess ħin jagħmlu użu mill-frott tagħha permezz tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.*

*Imma jekk għan-nies tad-dinja din hija sejħa speċjali biex igawdu l-frott ta' din il-ġrajja hekk kbira, għalina l-Maltin hija sejħa doppja għaliex tkompli ssaħħaħ l-istedina li l-Qdusija Tiegħu l-Papa għamel lilna fil-ftuħ tal-Missjoni Marjana Djoċesana bħala thejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet Marjani. Wara li l-Mulej tana l-grazzja li l-Papa jilqa' t-talba tal-Isqfijiet Maltin biex fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu jinżamm il-Kungress Marjoloġiku-Marjan f'pajjiżna, f'ittra, li ħadd ma kien jistenna, lin-nazzjon żgħir tagħna, bi kliem San Pawl Missierna, wissiena biex niġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħna u nilbsu l-bniedem il-ġdid maħluq skond Alla fil-ġustizzja u l-qdusija, u wara li faħħarna għall-fiduċja tagħna fil-Madonna, huwa ħalliena taħt il-ħarsien tagħha ta' Omm.*

*Imiss lilna, issa, għeżież devoti tal-Madonna, li taħt il-patroċinju tagħha, l-ewwel persuna li ġiet mifdija bil-mertu ta' Kristu Binha, u li b'mod l-aktar waħdieni ħadet sehem ma' Ġesù fil-Fidwa, li nikkoperaw mas-sejħa tal-missier tagħna l-Papa. Inkunu aħna minn ta' l-ewwel li nifthu l-bibien kollha tagħna lill-Feddej u Ommu Marija.*

Mill-E.T. MONS. NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF T'GĦAWDEX

# FRENĊ TAL-GĦARB

Ir-Rettur Mons Ġużeppi Portelli kellu għajnuna kbira minn wieħed sekular ħabib tiegħu li ħadem bi sħiħ sabiex titlesta l-knisja, jingħabru l-fondi meħtieġa għat-tiżjin tagħha u tixtered f'Malta u Għawdex il-qima lejn l-Imqaddsa Verġni Marija Ta' Pinu. Dan kien Franġisk Mercieca magħruf aħjar bħala "Frenċ tal-Għarb".

Huwa twieled fit-3 ta' Diċembru, 1892, fid-dar numru 74 Triq il-Blata, l-Għarb. Il-ġenituri tiegħu kienu Salvu u Benedetta mwielda wkoll Mercieca. Ġie mgħammed fl-istess jum ta' twelidu mill-Arċipriet il-Kanoniku Franġisk Saverju Debrincat u kellu bħala parrinijiet tal-Magħmudija lil Ġużepp Mercieca u lil Lonza Mizzi. (63).

Fi tfulitu, Frenċ wera intelliġenza u ħila mhix komuni fit-tfal oħra; iżda iffrekwenta biss l-iskola elementari tar-raħal mill-1900 sal-1906. Ta' tlettax-il sena ħalla l-iskola għaliex missieru kellu x'jambiħ biex igħinu fix-xogħol tar-raba'. Meta miet missieru fl-1917, peress li minn ħutu s-subien xi wħud kienu mietu u wieħed kien imsiefer, il-piż tal-familja waqa' fuq Frenċ, li kien jeħtieġlu jħabrek bil-lejl u bin-nhar sabiex imantni lil ommu li kienet għadha ħajja u ż-żewġ ħutu bniet li baqgħu fid-dar.

Iżda, għad li l-parti l-kbira ta' ħajtu għaddieha jaħdem ta' bidwi, kien isib żmien fil-għaxija u nhar ta' Ħadd sabiex iżur il-Knisja l-qadima tal-Viżitazzjoni li hemm fir-raħal u jagħmel xi xogħlijiet li kienu mieħtieġa fiċ-ċimiterju, jew fil-ġnien li kien hemm anness miegħu.

Meta fl-1933, infetaħ fil-parroċċa tal-Għarb iċ-ċirklu tal-Azzjoni Kattolika tal-ġuvintur, Frenċ kien wieħed mill-membri attivi tiegħu. Kien jieħu sehem fis-sigħat ta' adorazzjoni u fl-irtiri organizzati minn dik l-Għaqda, anzi kien iħajjar lill-oħrajn sabiex jattendu għalihom. Biex jarahom allegri, kien jorganizza xi attivitajiet tal-palk u mhux biss kien jirreċita fihom iżda ġie wkoll li kiteb xi sketches u poeżiji għal dan il-għan.

Id-dehen u l-għaqal ta' Frenċ kienu magħrufin sewwa fir-raħal u n-nies sikwit kienu jfittxuh biex jieħdu pariri minn għandu, meta kien ikollhom xi hemm. Indaħal kemm-il darba biex jagħmilha ta' medjatur u jġib il-paċi



**Frenċ ta' l-Għarb**

bejn xi tnejn li kienu miġġieldin. Ta' spiss kienu jsejħulu sabiex meta jkun hemm xi wirt għall-qasma, jagħtihom il-parir tiegħu u jgħinhom sabiex kollox isir bil-ġustizzja.

Iżda Frenċ sar magħruf anke barra minn raħal twelidu, meta xi nies li kienu morda fiequ, wara li qagħdu għall-parir tiegħu u għamlu l-kura li qalilhom hu. Għad li qatt ma studja mediċina, f'xi każijiet, kien jagħti lill-morda li javviċinawh xi duwa magħmul mill-ħxejjex u kien jinsisti magħhom sabiex ikollhom fiduċja fil-Madonna. Ħafna nies li fiequ, jattribwixxu l-fejqan tagħhom lil din il-fidi qawwija li Frenċ nissel fihom aktar milli lill-mediċini li huwa kien jagħtihom. Għal snin sħaħ, ta' kull fil-għaxija, wara li jidħol mix-xogħol tiegħu tar-raba, serbut twil ta' nies kienu jkunu jistennewh biex jidħlu ikellmuh u jitolbuh parir x'ser jagħmlu biex isolvu l-problemi li jkollhom jew biex itaffu t-tbatijiet tagħhom jew ta' qrabathom. Frenċ kien jinqeda wkoll b'din l-okkażjoni sabiex igħidilhom kelma ta' ġid għar-ruħ tagħhom u mhux wieħed u tnejn kienu dawk li Frenċ ipperswadihom sabiex jagħmlu qrara sinċiera u jikkonvertu.

Huwa kompla dan l-apostolat ta' kuntatt personali sa l-aħħar ta' ħajtu u bosta drabi dan kien jiswielu sagrifiċċju kbir għax kien itellfu l-mistrieħ li huwa kien jeħtieġ ħafna sewwa meta kien għadu f'saħħtu u kien ikun għajjien bix-xogħol tal-biedja, kif ukoll, anzi iżjed, meta daħal fl-età u kellu hu nnifsu l-mard tiegħu.

Frenċ Mercieca ħalla dan il-wied tad-dmugħ fl-20 ta' Mejju 1967. (64) Sarulu funerali sollenni fil-Knisja Kolleġġjata tal-Għarb u għalihom attendiet folla kbira ta' nies li ġew mhux biss minn raħlu iżda wkoll mill-imkejjen kollha t'Għawdex u xi wħud saħansitra minn Malta. Il-ġisem tiegħu huwa midfun fil-qabar numru 70A fiċ-ċimiterju tal-Għarb. Ta' kull sena mijiet ta' nies miż-żewġ gżejjer iżuru dan il-qabar, jitolbu fuqu, iżommuh imżejjen bil-fjuri u jixegħlu xi xemgħa fuqu. L-ewwel bijografija ta' Frenċ ġiet miktuba mill-pinna tal-istoriku magħruf, Patri Alessandru Bonnici O.F.M. Conv. u stampata fl-1975. (65)

Nistgħu ngħidu li l-isem ta' Frenċ Mercieca huwa marbut mal-ġrajjiet tas-Santwarju Ta' Pinu għal tliet motivi:

Meta kienet qegħda tinbena l-Knisja Ta' Pinu, Frenċ kien ikun minn ta' l-ewwel li jsieħeb miegħu rġiel oħra sabiex nhar ta' Ħadd imorru bil-karettuni u jġorru l-ġebel mill-barriera għall-post fejn kienet timbena l-knisja. Dan ix-xogħol kienu jagħmluh mingħajr ebda ħlas, imqanqlin biss mill-imħabba lejn il-Madonna Ta' Pinu. Peress li l-ispejjeż fil-bini tal-knisja, għal dak iż-żmien kienu enormi, ir-rettur Dun Ġużepp Portelli kull tant kien jorganizza xi lotterija u Frenċ kien jagħti daqqa t'id sabiex jinbiegħu l-biljetti u jinġabru offerti oħra.

Frenċ mhux biss kien iżur is-santwarju ta' spiss, iżda kien iħajjar nies oħra jagħmlu bħalu. Meta kien iservi lin-nies, li kienu jitolbuh igħinhom biex ifiequ mill-mard tagħhom, qatt ma żamm flus għalih, iżda kellu kaxxa żgħira fid-dar tiegħu li fiha, min irid, kien jitfa' xi offerta għall-Knisja Ta' Pinu. B'dan il-mod huwa rnexxielu jiġbor kemm-il darba somma sabiħa ta' flus, li mbagħad kien igħaddiha lir-rettur tas-santwarju biex biha jagħmel xi opra fil-knisja, bħal ma huwa per eżempju, il-kwadru tal-mużajk tal-Viżitazzjoni.

L-aħħar raġuni li għaliha isem Frenċ huwa marbut mas-santwarju, nistgħu ngħidu li l Via Crucis li miż-zuntier tal-Knisja twassal sa fuq il-quċċata tal-għolja ta' Għammar, li tiġi sewwa sew quddiem l-istess knisja. Sa mill-1961, Frenċ flimkien ma' xi nies twajbin oħra, fil-għaxija kienu jitilgħu fuq dik il-għolja u hemmhekk jirreċitaw ir-Rużarju. Għamlu wkoll bħal niċċa żgħira bix-xbiha tal-Madonna u waħħlu salib biex jitolbu quddiemhom. Iktar tard ħarġet l-

idea li mat-telgħa tal-għolja jitqegħdu xi statwi tal-Via Sagra, sabiex id-devoti wara li jkunu żaru s-santwarju, jimxu din it-telgħa, jimmeditaw fuq il-Passjoni ta' Kristu u jagħmlu xi penitenzi bi tpattija għad-dnubiet tal-bnedmin. Kien huwa li beda l-ġbir għal din l-opra. Iżda fil-bidu kien hemm min ħaseb li din il-Via Crucis ser ittellef id-devozzjoni lejn is-Santwarju Ta' Pinu u nqala' xi tfixkil. Iktar tard però, dan it-tfixkil ġie mirbuħ u l-Isqof ta' dak iż-żmien, Mons. Ġużeppi Pace, ta l-permessi meħtieġa, ġie iffurmat kumitat għal dan il-għan u ttieħdu l-ewwel passi biex tiġi mwettqa din l-opra. Fost l-oħrajn, bit-tħabrik tas-Sur Henry Fiteni, li f'dak iż-żmien kien kummissarju għal Għawdex, fuq il-quċċata tal-għolja ġie mqiegħed salib kbir tal-konkrit, fejn kellu jsir wieħed mill-istazzjonijiet. Bil-ġenerożità ta' ħafna devoti tas-santwarju, fosthom ukoll xi wħud mill-Istati Uniti, illum il-Via Crucis, li kienet tant għal qalb Frenċ tal-Għarb, saret rejaltà u min iżur il-Knisja Ta' Pinu jista' jammira fuq il-għolja quddiemha l-istatwi sbieħ tar-rħam abjad, maħdumin fl-Italja mid-Ditta Temistocle Sarti fuq il-mudell tal-iskultur Għawdxi Alfred Camilleri Cauchi.

---

REFERENZI

(63) Liber Baptizatorum (Għarb) t. 5 f. 74.
(64) Liber Mortuorum (Għarb) n. 583 f. 197.
(65) Alexandar Bonnici O.F.M. Conv. "Frenċ tal-Għarb 1892-1967" Ediz. Santwarju-Bażilika "Madonna ta' Pinu", Gæawdex, 1975.

## THE YEAR BOOK 1983

THE YEAR BOOK 1983 (of Malta and Gozo) has, on the occasion of the first centenary of the Manifestation of Our Lady of Ta' Pinu, dedicated its frontispiece picture to the Sanctuary of Our Lady there. The Gozo Supplement in the same publication carries an interesting historical contribution on the same Sanctuary and treats at length the historical event on June 22, 1883, when a farmer woman from the neighbourhood heard Our Lady speaking from the main altar-piece. It was this event that converted a tiny countryside chapel to a National Shrine of the Republic of Malta.

The 31st edition of THE YEAR BOOK (1983), a unique and prestigious reference work on Malta and Gozo — running into 384 pages — illustrated, objective, factual and absolutely dependable, is available from booksellers and from the publishers: De La Salle Brothers Publications, St. Benild School, Sliema.

# L-GĦAŻLIET TA' MARIJA

*Minn* **S.A.C.**

Li kieku kellna nieqfu ftit u nirriflettu, kemm dan id-daqsxejn ta' globu żgħir li aħna nsejħulu "id-Dinja", huwa l-għaxqa ta' Alla u ta' Ommu Marija Santissima, kieku żgur li konna nifhmu aħjar il-ħajja tagħna bħala bnedmin f'pellegrinaġġ li jwassalna sat-tgawdija ta' dejjem. Li Kristu ħabbna u għadu jħobbna, ma nistgħux niddubitaw minnu għax kull fejn inħarsu, aħna nsibu l-għeġubijiet tiegħu. Kollox ikellimna mill-imħabba tiegħu għad-dinja. Il-Fidwa, il-qagħda tiegħu fostna fis-Sagrament ta' l-Imħabba, huma xhieda l-iktar qawwija ta' din l-imħabba.

Imma din l-imħabba dehret ukoll matul iż-żminijiet, minn Marija Santissima. Fuq il-Kalvarju saret Omm il-bnedmin kollha, u għax aċċettat din il-missjoni, Hija tibqa' dejjem taqdiha fil-milja tagħha. Ġesù baqa' magħna fl-Ewkaristija, Marija qegħda magħna bid-dehriet tagħha.

## Tagħżel liż-Żgħar

Id-dinja tagħna tista' tiftaħar ferm bil-grazzji li ħadet minn għand din il-Ħlejqa tassew speċjali, imma barra mill-grazzji, hija kellha wkoll ħafna dehriet tal-Madonna nnifisha. Huwa veru li ħafna minn dawn id-dehriet għadhom ma ġewx magħrufa mill-Knisja uffiċċjalment, imma huwa veru wkoll li f'bosta minnhom, il-Knisja ħalliet li jsiru devozzjonijiet speċjali li kienu ntalbu mill-Madonna stess.

Fost dawn id-dehriet aħna nsibu li l-Madonna dejjem inqdiet b'dawk li d-dinja tpoġġi għall-ġenb bħala nies bla importanza, u fl-ebda okkażjoni ma naraw lill-Madonna tidher jew tkellem lil xi prinċep jew lil xi re kbir ta' din id-dinja.

## La Salette

F'dan il-post żgħir u mwarrab mill-għajnejn tad-dinja, il-bogħod minn Grenoble b'madwar 71 kilometru, fid-19 ta' Settembru 1846, Hija tidher u tkellem lil żewġt itfal, Melanja Calvat ta' ħmistax-il sena u Massiminu Giraud ta' madwar ħdax. Żewġ ragħajja li waqt li kienu qegħdin jirgħaw in-ngħaġ tagħhom fl-inħawi ta' La Salette, uriethom il-qalb imdejqa tagħha, minħabba d-dnubiet tad-dinja. Kienu tfal fqar, bla skola, ulied il-bdiewa, li kienu jafu tassew xi tfisser it-tbatija u s-sagrifiċċju għall-ħajja ta' kuljum. Lil dawn it-tfal sempliċi, il-Madonna wriethom li Hija tinsab imdejqa għax il-bnedmin kienu qegħdin iżebilħu l-ismijiet ta' Binha Ġesù, tagħha, u tal-qaddisin, bid-dagħa, kienu qegħdin jipprofanaw il-Jum tal-Mulej, billi jaħdmu kull xorta ta' xogħol, iħallu barra l-Quddiesa li hija ta' obbligu għal kull nisrani fil-jum tal-Ħadd. Hija għażlet lil dawn biex iqanqlu, għat-talb u għall-penitenza minħabba fil-qlub ieħsa li kellhom, ċerti nsara ta' dak iż-żmien. Huma sofrew persekuzzjonijiet u żeblih, Imma l-Madonna kienet għalihom il-għajn waħdanija tal-konsolazzjoni. In-nies għaddiethom b'imġienen, għajruhom, żebilħuhom, imma huma kienu l-magħżulin tagħHa, u talli d-dinja ma semgħetx il-għajta tagħhom, waslu fuqha l kastigi kollha li ġew ikkonfermati mill-istorici ta' dawk iz-zminijiet.

## Lourdes

Raħal żgħir, midfun qalb il-muntanji għoljin tal-Pirinej, kellu jkun l-akbar



prodiġju għad-dinja kollha. Min ma semax b'Lourdes? Min, meta kellu l-okkażjoni, ma wasalx wasla sa hemm biex jara b'għajnejh u jmiss b'idejh il-qawwa li għandha Marija, ma' dawk l-eluf ta' morda, li kisbu l-fejqan sew fir-ruħ kemm ukoll fil-ġisem? Dawn il grazzi kollha ġew mogħtija permezz ta' tfajla ta' madwar erbatax-il sena, Bernardette, bint Franġisk Soubirous u Lwiġa Kasterot. Familja tassew fqira ta' nies li riedu jgħixu mill-mitħna li kellhom. Kien tant żgħir il-qliegħ tagħhom li għal xi żmien kellhom iħallu Lourdes biex imorru f'post ieħor għax il-qligħ li kellhom hemm ma kienx biżżejjed biex ilaħħaq mal-familja ta' għaxra min-nies li kienu.

Bernardette, tfajla fqira, bla skola, marida bl-ażżma, ma taf xejn ħlief, kemm kemm tinġabar tgħid ir-Rużarju, imma kienet kbira fil-għajnejn tas-sema. Lilha u lilha biss dehret il-Madonna u tatha l-messaġġ li kien tant meħtieġ għad-dinja kollha. Mill-1858 sal-lum, il-mirakli ta' Lourdes għadhom isiru, u d-dinja kollha semgħet jew ħadet sehem fihom. Grazzi kbar permezz ta' tfajla fqira, u marida; hekk taf tagħmel il-Madonna biex turi l-imħabba tagħha lejn id-dinja tagħna.

## Fatima

Min qatt kien jobsor li fit-tarf tal-Portugall, in-naħa tat-Tramuntana ta' Lisbona, kellu jiġri dak il-miraklu hekk kbir fit-13 ta' Mejju, 1917? Min kellu jkun l-istrument waħdieni ta' tant grazzji u għajnuniet tas-sema? Iċ-ċkejknin u l-fqar. Dawk li magħhom għadda ħajtu Ġesù meta kien għadu fostna. Dawk li bihom tinqeda l-Madonna kull meta tkun trid tagħti messaġġ lid-dinja u tqajjimha ftit min-nagħsa spiritwali tagħha.

Lit-tfal ta' Fatima narawhom ilkoll ġejjin minn familji ta' kondizzjoni tassew fqira. Luċija ta' ħdax-il sena, Franġisku ta' disa' snin, u Ġjaċinta ta' madwar seba' snin, kienu l-magħżula tal-Madonna biex permezz tal-faqar materjali tagħhom, tagħtina l-valur tal-hena spiritwali li



kellhom. Min jifli sewwa l-istorja, speċjalment dik miktuba mill-"Fonseca" jista' jara sewwa li dawn it-tfal, għad li Luċija biss minnhom kienet għadha għamlet l-Ewwel Tqarbina, kollha flimkien kienu jafu jgħidu xi talb li dejjem kienu jgħiduh waqt li kienu jirgħaw in-ngħaġ tagħhom. Biex żgur il-Madonna twettaq il-ħsieb tagħha, kien wara dak it-talb li kienu jagħmlu flimkien li Luċija ħasset dik il-fewġa friska u rat dik il-berqa, is-sinjal tas-Sinjura l-Bajda. Ħaġa tassew tal-għaġeb, kif tlitt itfal minn familji tal-bdiewa rnexxielhom ikunu l-messaġġiera ta' l-Omm tagħna tas-Sema. Hekk taf tagħmel Marija, tagħżel dak li l-bnedmin tad-dinja jpoġġu fil-ġenb u jinsew. Hekk taf tagħmel Marija l-għażliet tagħha li dejjem kienu dawl kbir fuq il-globu tagħna!

Mhux biss it-tfal moħbija u fqar, kellhom ikunu s-sinjali ta' dawk iż-żminijiet għall-konverżjoni tad-dinja, imma wkoll il-post li għażlet Marija, Kova ta' Irja, l-inqas biss jidher fuq il-mappa tal-Portugall, u f'qasir żmien sar magħruf mad-dinja kollha. Kulħadd jistagħġeb meta jiġru prodiġi bħal dawn għax il-għajn tal-bniedem qatt ma tista' tobsor li sigrieti u messaġġi ta' importanza hekk kbira setgħu jiġu mogħtija lil dawk li l-inqas jafu jiktbu isimhom. Imma hekk jiġri fil-ħajja tas-sema.

## Il-Madonna tal-Qalb tad-deheb

Ir-raħal ċkejken ta' Beauraing, huwa pajjiż moħbi fil-Belġju, li jinsab fil-provinċja ta' Namur. Dawn il-ħamest itfal, Fernanda Voisin ta' ħmistax-il sena, Alberto ta' ħdax, Gilberta ta' tlettax, ilkoll aħwa, flimkien ma' Andreina Degaimbre ta' ħmistax-il sena u Gilberta, oħtha, ta' disa' snin; meta kienu deħlin lejn l-orfanatrofju tas-sorijiet fejn kienu jinġabru biex, għand l-istess sorijiet jitgħallmu xi ħaġa ta' l-iskola u jieklu u jorqdu hemm ukoll, raw bħal figura ta' Sinjura Sabiħa miexja fuq il-pont minn fejn kienet tgħaddi l-ferrovija. Għal din id-dehra, huma lkoll bdew igħajtu bil-biża' tant li meta ġiet is-soru purtinara biex tiftħilhom il-bieb, sabithom ilkoll imbeżża'. Is-soru ma rat xejn minn dak li kien ġara, imma t-tfal, għad li kulħadd għaddihom biż-żmien, baqgħu jgħidu u jirrakkontaw dak li raw. Kellhom bosta dehriet mid-29 ta' Novembru 1932 sat-3 ta' Jannar 1933. Il-Madonna wara li tkellmet magħhom għal bosta drabi (33 darba b'kollox), qatlilhom biex jitolbu u jagħmlu penitenza. Kien f'din id-dehra wkoll li hija reġgħet tenniet li kienet l-"Immakulata Kunċizzjoni". Il-kondizzjoni soċjali ta' dawn it-tfal kienet tidher mill-post fejn kienu jmorru biex jitgħallmu u jieklu flimkien għand is-sorijiet. Tant kienu fqar il-familji tagħhom li l-anqas biss kellhom biex jitrejqu b'dak li kienu jaqilgħu l-ġenituri tagħhom. Barra minn dan, huma kienu tfal ta' familji numerużi, imma lkoll kienu mimlijin bil-biża' t'Alla li hu l-bidu tal-għerf, u dan l-għerf mhux tal-bnedmin, imma t'Alla; wassalhom għal dawk id-dehriet hekk sbieħ, li fi kliem l-istoriċi, waqt id-dehriet ħadd u xejn ma kien jista' għalihom. Għal darb'oħra, il-Madonna reġgħet inqdiet bl-umli u l-moħbija biex tiġbed lejha il-qlub ta' tant bnedmin.

## Il-Madonna tad-Dmugħ

Għad li hawn ma għandniex dehra tal-Madonna, però nistgħu ngħidu li anke fil-biki tagħha, il-Madonna ma aċċettatx li tibki fi djar tas-sinjuri, imma fi djar tal-foqra u ta' nies li forsi għall-għajnejn tad-dinja ma kellhom l-ebda mportanza. Anġlu Gannuso u martu Antoinette Giusto kienu nies tar-raba', nies li jridu jaħdmu bis-sħiħ biex jaqilgħu l-ġurnata tagħhom, però kien fid-dar tagħhom li l-Kwadru tal-Madonna, għażel li minnu joħroġ dmugħ għal tlitt ijiem mid-29 sal-31 ta' Awissu, 1953. Faqar u mard kienu l-karatteristiċi ta' din il-familja. Dak in-nhar li beda jidher id-dmugħ fuq wiċċ il-Madonna, kien proprju għaliex, meta r-raġel ġie lura mix-xogħol iebes tiegħu, u ra lil martu li marret lura fil-marda tagħha biex ma jħallihiex weħidha, qabad il-biċċa tal-ħobż li kien ser jiekol u mar joqgħod ħdejha biex ma

jħallihiex weħidha. Fejn ma seta' jkun hemm l-ebda tama, feġġet f'malajr il-għajnuna tas-sema. Id-dwejjaq li kienu qegħdin jifnu l-qlub żgħażagħ ta' dawk iż-żewġ miżżewġin, issa tbiddlu f'ferħ kbir għax ir-raħal kollu tagħhom inġabar biex jagħti qima lill-kwadru tal-Madonna li kienet qiegħda tibki. Minn dar fqira u moħbija qalb bosta oħrajn, saret dar sinjura bil-preżenza tal-Madonna. Minn dar minsija u forsi xi ftit ippersegwitata minħabba l-faqar li kienet tgħix fih, saret dar l-iktar fortunata li maż-żmien kellha tinbidel f'santwarju marjan li qajjem il-qima ta' bosta nies mill-Italja kollha. Biex dan il-ferħ tas-sema jkun tassew ċar u muri lill-bnedmin, pjazza Euripide saret ċentru ta' laqgħat ta' nies jitolbu flimkien u saret ukoll ċentru ta' mirakli sew spiritwali kemm ukoll materjali, għax l-istess mart Anġlu, li kienet iddikjarata sterili, illum hija omm ta' żewġt itfal b'saħħithom iktar minn tfal ta' mparhom.

**Karmni Grima u Frenċ Portelli**

Żewġ xhieda oħra tal-għażliet li taf tagħmel il-Madonna huma tnejn min-nies twajba ta' pajjiżna, Franġisk Portelli u Karmni Grima, li kellhom ix-xorti li jisimgħu l-kliem ħelu ħiereġ minn fomm il-Madonna, kienu tnejn min-nies moħbija u minsija mill-għajnejn tad-dinja. Nies tar-raba', midfuna f'qiegħ l-Għarb, bla ma ħadd kien jagħti każhom, irnexxielhom, bħat-tfal ta' Fatima, ta' Lourdes, ta' La Salette, ikunu żewġ messaġġiera tal-messaġġ ġdid li kellha tagħtihom il-Madonna. Tant kien messaġġ speċjali li fl-ebda dehra oħra fid-dinja ma nstema' li l-Madonna talbet dak li talbet lil dawn iż-żewġ erwieħ qaddisa. Lil Frenċ Portelli talbitu biex igħid 3 Pater, 3 Ave u 3 Glorja, f'ġieħ il-Pjaga l-moħbija li ġarrab Ġesù fi spalltu meta kien tiela' l-Kalvarju bis-salib. B'hekk hija stess ikkonfermat dak li kitbu bosta profeti u storiċi ta' żmien Kristu, jiġifieri li Kristu bata tbatijiet straordinarji għall-imħabba tagħna. Lit-twajba Karmni Grima qaltilha biex tgħid tliet Ave Marijiet f'ġieħ it-tlitt ijiem li ġisimha dam fil-qabar. Jiġifieri, mela, il-Madonna mietet tassew u hekk solviet il-ħafna problemi ta' ħafna studjużi akkaniti li kienu jgħidu li l-Madonna raqdet, jew li l-Madonna għaddiet minn din id-dinja għall-Eternità, bla ma sofriet il-mewt. Hekk dawn iż-żewġt erwieħ twajbin ta' gżiritna, kienu l-akbar teoloġi li qatt dehru matul iż-żminijiet. Jekk f'Fatima l-Madonna talbet il-Penitenza, bħal ma kienet talbet ġewwa Lourdes, u f'La Salette, fil-kliem li qalet liż-żewġ appostli tagħha Għawdxin hija tathom messaġġ għal kollox singulari. Mela għandna għaliex inkunu kburin għal din il-grazzja hekk speċjali li tatna l-Madonna permezz ta' dawn iż-żewġ persuni. Mela, aħna l-Għawdxin, għandna nkunu minn ta' l-ewwel li nressqu t-talb tagħna quddiem dawn iż-żewġ messaġġiera żgħar, imma importanti tal-Madonna ta' Pinu, biex mill-aktar fis possibbli, narawhom meqjuma fuq l-artali tagħna bħala l-ewwel żewġ qaddisin Għawdxin, li mill-moħba ta' ħajjithom għarfu jwasslu messaġġi hekk importanti lid-dinja kollha.

Hekk taf tagħżel Marija lil dawk li hija tassew tħobb u lil dawk li jkunu tassew iħobbuha b'qalbhom kollha. J'Alla dawn il-għażliet ma jmorrux fil-baħħ tal-minsija, imma jkollhom il-valuri kollha li tathom il-Madonna stess, biex kif għażlet lilhom, moħbija u minsija, tista' tagħżel ukoll lilna billi żżejjinna bil-grazzja meħtieġa għas-salvazzjoni tagħna.

Marija, mhux biss rat lil Binha Ġesù rxoxt, iżda wara 40 jum mill-qawmien Tiegħu mill-mewt, flimkien ma' l-Appostli, ratu tiela' s-Sema. (A. Merk).




# MARIJA Ċ-ĊENTRU TA' L-UNITÀ

**It-TIENI TAĦDITA, miktuba minn Padre Toniolo, fl-okkażjoni tal-ġimgħa ta' talb għall-għaqda ta' l-Insara, 18-25 ta' Jannar 1979, imxandra mir-Radju Vatikan u maqluba għall-Malti u addattata għall-istampa minn DUN SALV GRIMA.**

## IL-VERĠNI OMM

Fl-aħħar ċena, wara li ħabb lil tiegħu sa l-aħħar b'dik l-imħabba ħierġa minn qalb li taf tħobb b'mod infinit, l-Iben t'Alla tahom ir-rigal imprezzabbli tiegħu nnifsu, li bih jibqa' preżenti realment taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid fuq l-artali kollha tad-dinja, sa l-aħħar taż-żminijiet, sakemm jerġa' jiġi.

Kien il-mument l-iktar importanti meta Kristu għaraf saħansitra l-qlub u d-djufija ta' l-appostli tiegħu. Fihom kien qed jara lil dawk kollha li kellhom jisimgħu bih, iżda li mhux kollha kienu se jkunu ħaġa waħda fih.

"L-ispirtu iva jrid, imma l-ġisem dgħajjef". (Mt 26:41) "Ilkoll kemm intom se titħawdu minħabba fija, għax hemm miktub: nidrob ir-ragħaj u n-nagħaġ tal-merħla jitferrxu". (Mt 26:31)

Din it-tħabbira kompliet tnissel swied il-qalb.

"Ara, għad tiġi siegħa, u ġà waslet, meta tixterdu kull wieħed lejn daru, u lili tħalluni waħdi. Iżda waħdi m'iniex, għax il-Missier huwa miegħi". (Ġw 16:32)

### ĦDEJN IS-SALIB MA' BINHA:

Is-solitudni tiegħu hija mfarrġa mill-preżenza qatt nieqsa tal-Missier, iżda hija kkonfortata wkoll mid-dehra ta' preżenza oħra, ta' l-Omm li, weħidha, ma titbiegħedx minnu u qatt ma tħallih. Anzi ħsiebha fih, tibqa' ħdejh imsammra, b'qalb mimlija b'imħabba mnikkta, ma' ġenb is-salib. Kienet tissieħeb mal-mewt tiegħu waqt li tistenna l-qawmien tiegħu.

Sant'Ambroġ ħallielna miktub: "L-Omm wieqfa fuq riġlejha ħdejn is-salib waqt li l-irġiel ħarbu. Hija baqgħet hemm sħiħa, tosserva b'għajnejha mnikkta l-feriti ta' Binha li minnu kienet taf li kellha tasal il-fidwa tad-dinja waqt li hija stess uriet ruħha bl-istess sentimenti bħal dawk tiegħu. L-Iben kien imdendel mas-salib waqt li l-Omm kienet issofri l-insulti ta' dawk li kienu jippersegwitawh. Hija kienet hemm biex tmut miegħu għaliex kienet tittama li tirxoxta miegħu, għax hija qatt ma ċaħdet il-misteru li dak li ġġenerat kellu jirxoxta".

Hija dixxipla perfetta kif ukoll mudell ta' kull nisrani u tal-Knisja ta' dik l-għaqda ma' Kristu li ma tinħall qatt, sal-mewt u lil hinn mill-mewt.

Qabel ma daħal għall-passjoni tiegħu, biex isaħħaħ lil tiegħu u jħarishom minn kull tfixkil jew firda, Kristu għolla t-talba solenni tiegħu lill-Missier, l-istess talba li tissieħeb mal-ġejjieni kollu ta' l-istorja tal-Knisja fid-dinja, bħala testment, sal-aħħar taż-żminijiet, sakemm kollox jerġa' jinġabar fih u fil-Missier għal dejjem bis-saħħa ta' l-Imħabba Inkarnata.

"Missier, waslet is-siegħa: agħti glorja lil Ibnek biex l-Iben jagħti glorja lilek, bħalma inti tajtu s-setgħa fuq kull bniedem biex jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk kollha li inti fdajtlu. Din hi l-ħajja ta' dejjem: li jagħrfu lilek, Alla waħdek veru u lil Ġesù Kristu, li inti bgħatt". (Ġw 17:1-3)

## FIĊ-ĊENAKLU MA' L-APPOSTLI:

Il-Knisja għamlet l-ewwel passi tagħha fiċ-Ċenaklu ma' Marija li fl-aħħar ċena baqgħet moħbija. Issa dehret flimkien ma' l-appostli, anzi f'nofshom, bħala Omm Ġesù. Kristu kien tela' s-sema quddiemhom u ordnalhom biex jinġabru flimkien fit-talb:

"Xħin daħlu l-belt, telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu...U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, Omm Ġesù, u ma' ħutu". (Atti 1:13-14)

Kienu l-appostli, in-nisa u l-qraba: Ġerarkija u fidili flimkien ma' Marija f'talb kontinwu u f'fehma waħda. Huma kienu qed jitolbu l-Ispirtu s-Santu li tiegħu Marija biss kellha esperjenza ħelwa. Hija l-iktar setgħet tħejjihom għall-miġja tiegħu. Dik il-ġrajja kellha ssawwar il-Knisja bħala waħda qaddisa biex twassal lid-dinja kollha r-rigal tal-kelma u ta' l-Ispirtu li jqaddes.

Minn dak inhar 'il quddiem, l-istess Spirtu, bħal mewġ ta' dawl, kellu jixtered ma' kullimkien biex isaffi u jittrasforma permezz tal-Knisja u d-dinja kollha u jgħaqqadha fi Kristu.

Fiċ-Ċenaklu l-Knisja ħadet l-ewwel sura tagħha. Illum ukoll terġa' tirritorna fl istess Ċenaklu biex tissaħħaħ waqt li tiġġedded fl-Ispirtu Qaddis, hija u tkompli turi l-għaqda tagħha, għaliex kull sagrifiċċju tal-Quddiesa huwa Ċenaklu mill-ġdid li jitkompla fid-dinja kollha u li jgħaqqad lill-kotra ħaġa waħda.

Hekk ħallielna miktub S. Injazju t'Antjokja:

"Meta tinġabru flimkien, ħalli tkun waħda t-talba tagħkom, waħda l-fehma, waħda t-tama fil-imħabba u fil-ferħ qaddis, għax wieħed hu Ġesù Kristu, li hu aqwa minn kulħadd. Inġabru flimkien qiskom fit-tempju wieħed ta' Alla, madwar

artal wieħed, ma' Kristu waħdu, li ġie minn għand Alla l-Missier wieħed, u kien minn dejjem ma' Alla wieħed u reġa' lura għand il-Missier Alla wieħed". (Lill-insara ta' Manjesja, 7).

Fuq il-ħobż ikkonsagrat, il-ġemgħat insara madwar l-artal hekk kienu jitolbu fl-ewwel seklu:

"Bħalma dan il-ħobż maqsum qabel kien imxerred fuq l-għoljiet u issa ġie miġbur biex minnu jsir ħaġa waħda, hekk ukoll iġbor Mulej il-Knisja tiegħek mit-trufijiet kollha ta' l-art fis-saltna tiegħek".

## FEJN HEMM MARIJA HEMM IL-KNISJA:

Il-preżenza ta' Marija kif inhi rrakkontata fl-Iskrittura tieqaf hawn fiċ-Ċenaklu, jew aħjar tkompli f'kull ċenaklu fiż-żminijiet kollha, fejn il-Knisja magħquda madwar l-artal terġa' tgħix l-istorja ta' għaqda ma' Kristu. Hawn ukoll preżenti Marija bħala l-għajn li ma tieqaf qatt li tnixxi d-doni qaddisa ħalli ma' Kristu twassal l-għaqda fid-dinja.

Fl-għaqda ta' mħabba li l-Ewkaristija tnissel u tgħajjex, tiġi mħarsa wkoll l-unità ta' fidi, f'għaqda waħda mal-ġerarkija tal-Knisja. Madwar l-Isqof tinġabar il-Knisja lokali u permezz tiegħu tasal il-verità sa minn żmien l-appostli.

S. Kromazju t'Aquileia ħallielna miktub li "il-Knisja ngħaqdet fiċ-Ċenaklu ma' Marija, Omm Ġesù u ħutu kollha, u għalhekk wieħed ma jistax jitkellem minn Knisja jekk m'hemmx Marija. Hemm tinsab il-Knisja ta' Kristu fejn jiġi mxandar li Kristu sar bniedem mill-Verġni. U hemm huwa tassew priedkat il-Vanġelu fejn jippriedkaw l-appostli".

## SAR BNIEDEM MINN MARIJA:

Fil-mument importanti tal-bidu tagħha, il-Knisja sabet ruħha xxandar ħwejjeġ li ma kienux instemgħu qabel: "Alla sar bniedem".

Din it-tħabbira quddiem in-nuqqas ta' fidi tal-Poplu Lhudi u quddiem it-tagħlim tal-pagani xorta żammet sħiħ. Alla sar bniedem. Il-Vanġelu huwa bbażat fuq dil-verità. Fiha jinsab il-messaġġ ta' ferħ għall-umanità mħawda.

Il-Knisja turina b'mod ċar l-għar fejn Kristu twieled, il-pajjiż ċkejken fejn għex u kiber, l-imkien li jkexkex fejn miet imsallab kif ukoll il-qabar li minnu ħareġ ħaj.

Ommu magħrufa bħala lhudija fqajra li kienet taqla' l-għajxien tagħha bix-xogħol ta' idejha. Il-Knisja ma tistħix tistqarru dan: Il-Verġni li nisslet bil-qawwa t'Alla. Anke jekk dan jidher bla sens għal xi wħud, bħala fantasija għall-pagani jew bħala ħrejjef ivvintati skond il-poeti.

Din hija verità assoluta li Alla nnifsu, li ried isalva l-bniedem, indenja jgħaqqad miegħu n-natura umana, billi sawwar ġisem ħaj bil-qawwa ta' l-Ispirtu Santu għall Kelma tal ħajja fi ħdan il-ġuf verġni ta' Marija.

Hekk kiteb San Irenew: "Il-Verb tal-Missier b'imħabba kbira lejn il-ħlejjaq tiegħu aċċetta li jitwieled minn Verġni biex igħaqqad miegħu u permezz tiegħu nnifsu l-bniedem m'Alla".

Il-Verb għalhekk sar iċ-ċentru mdawwal li fih saret l-għaqda bejn il-Missier

u l-ħlejjaq mitlufa billi reġġa' lura għandu l-merħla mxerrda. L-Inkarnazzjoni hija l-ħolqa li tiġbor flimkien it-toroq kollha tal-bniedem; il-post uniku u nsostitwibbli fejn tinkiseb mill-ġdid il-ħbiberija m'Alla, ma' ħutu l-bnedmin fiż-żminijiet kollha.

## XTERED TAGĦLIM QARRIEQ:

Qrib tmiem l-ewwel seklu u matul it-tieni wieħed, il-Knisja għaddiet mill-ikbar perikli ta' l-istorja tagħha. Xi tagħlim nisrani dwar tifsir ta' l-Iskrittura li nibet f'partijiet mill-komunitajiet insara, ipprova jagħmel ħsara fil-verità billi nterpreta dawn il-misteri bħala ħrejjef u għalhekk x'uħud bdew jaqraw u jdawru għall-gosti tagħhom dawn it-testi sagri. Dan ipprovaw jagħmluh biex ifittxu iktar fil-fond u jsibu dawk il-ħwejjeġ l-iktar moħbija.

Dawn it-talin bdew jissejħu "gnostiċi", jew dawk l-għorrief bħal Saturnino, Menandro, Cerinto, Basilide, Marcione, u l-iktar fosthom Valentino, li bi grupp ta' segwaċi miegħu nvadew id-dinja ta' dak in-nhar bil-kwantità kbira ta' letteratura tagħhom. Kienu konvinti mill-għerf tagħhom u ppretendew li huma biss kienu jħaddnu l-verità moħbija.

Huma ssograw jindaħlu fil-ħwejjeġ sagri bit-tagħlim tagħhom billi għamlu ħafna distinzjonijiet kif dehrilhom. Saħansitra firdu 'l Alla fih innifsu billi tkellmu minn għadd ta' sustanzi divini, daqqa fi 30 u daqqa fi 300 jew aktar. Dawn kollha magħżula minn xulxin jissejħu "eoni".

Dwar Kristu wkoll tkellmu fuq realtajiet separati, p.e. Ġesù s-Salvatur, l-Ispirtu, l-uniku mnissel, eċċ. Għamlu firdiet ukoll fil-ħolqien bejn dak tajjeb u l-ieħor ħażin. Lill-bniedem bdew jikkonsidrawh bħala ġabra ta' ġid u deni. Il-ġisem huwa destinat għall-qerda finali, ir-ruħ għall-paċi u l-ispirtu għad-dawl.

B'dan it-tagħlim żbaljat tagħhom kienu qed jagħmlu ħsara kbira lir-realtà storika ta' Kristu, billi rriduċewha għal sempliċi apparenza umana, mhix waħda vera, waqt li s-salvazzjoni mwettqa minnu ġiet mifhuma bħala sempliċi konoxxenza.

## IT-TWISSIJA TAL-KNISJA:

Il-Knisja kellha twieġeb kontra dawn l-iżbalji, l-iktar permezz tal-ħajja awtentika tagħha. Għalhekk S. Injazju martri jikteb: "Jekk bħalma jgħidu x'uħud, nies mingħajr Alla għax bla fidi, li huwa (Kristu) bata biss taparsi, — waqt li huma qed tassew igħixu bħala sempliċi apparenza — għaliex ninsab fil-ktajjen? Għaliex qiegħed f'kumbattiment kontra l-annimali? Kont immur għall-mewt għal xejn! Kont nagħti xhieda falza lill-Mulej" (l ill-insara ta' Tralli, no 10)

Il-Knisja ta' dak in-nhar wieġbet ukoll billi wissiet lill-fidili biex ma jagħtux widen għal dak li kien qed jintqal. Infatti S. Injazju kompla jgħidilhom:

"Soddu widnejkom kull meta xi ħadd ikellimkom mingħajr ma jsemmi lil Ġesù Kristu, li hu min-nisel ta' David u iben Marija, li tassew twieled, kiel u xorob, tassew garrab moħqrija taħt Ponzju Pilatu, sallbuh, tassew miet quddiem is-sema u l-art u qiegħ l-art, li tassew qam mill-imwiet, u qajmu l-istess Missier li, bħalma qajjem lilu, lilna lkoll li nemmnu fih għad iqajjimna fi Kristu Ġesù, li mingħajru ma jistax ikollna l-ħajja tassew". (Lit-Tralljani, no. 9)

Din hija l-verità waħda li l-Knisja xxerred mad-dinja kollha u tkompli tħares bl-akbar għożża biex twassalha lil kulħadd, kif kien il-bieraħ anke llum.

Kienu ħafna l-għorrief tal-Knisja li ħaduha kontra n-"gnostiċi": Ġustinu, Melitone, Irenew, Tertulljanu, Ippollitu, Oriġene u oħrajn magħrufa ta' dak in-nhar. It-tweġiba tagħhom kellha linja preċiża: l-istorja tas-salvazzjoni hija waħda għal kulħadd, l-għaqda fit-twemmin skond il-pjan t'Alla.

Infatti t-teoloġija tal Knisja tgħallem l-istess pjan wieħed, it-twemmin ta' l-unità: unità u Alla jmorru flimkien; għaqda fil-pjan tiegħu tal-ħolqien, l-għaqda fil-bniedem sa mill-bidu, għaqda fir-Rivelazzjoni u fl-istorja kollha ta' l-umanità, anke jekk din ġiet imħarbta bid-dnub. Fi Kristu l-feddej nerġgħu naraw l-għaqda mill-ġdid.

Il-verità hija waħda u ma tistax tiġi mifhuma b'iktar minn sens wieħed. Mhix differenti għal min igħallem minn dik ta' min jitgħallem. Mhix biex tiftiehem mod min-nisrani komuni waqt li tiftiehem mod ieħor minn dak li huwa intelliġenti.

Il-verità ma tiġix ivvintata, iżda aċċettata. Ġejja minn Alla u mhux mill-bniedem. Ġiet mgħoddija lilna u mhux misjuba. Mhix suġġetta għall-interpretazzjonijiet skond il-gosti, iżda mgħassa mill-Knisja fi ħdan it-Tradizzjoni li bla ma taqta' ġejja minn żmien Kristu.

## KRISTU WIEĦED — VERITA' WAĦDA:

Dan kien il-messaġġ imxandar mis-Santi Padri, li Kristu huwa ċ-ċentru ta' din l-istorja tas-salvazzjoni, li jgħaqqad fih il-bniedem sħiħ, ġisem, ruħ, sensi u l-fakultajiet tiegħu kollha.

Il-ħajja kollha tal-bniedem, sa mit-tnissil tiegħu, tibda tgawdi minn Kristu li bħala r-ras ta' kollox igħaddilha mhux biss id-dinjità umana iżda wkoll il-ħajja divina tal-grazzja. Kristu jnissel lil kulħadd fi bnedmin ġodda kif iridhom il-Missier. Din hija realtà ta' l-għaġeb u kollha mħabba li trid twassal lill-bniedem ħwejjeġ divini.

Dwar dan S. Irenew ħallielna miktub dan li ġej: "Dawk li jżommuh bħala bniedem biss, imwieled minn Ġużeppi, jaraw il-mewt għax jinsabu fil-jasar tad-diżubbidjenza antika u li ma jridux isiru ħaġa waħda mal-Verb t'Alla l-Missier u lanqas ma jridu jirċievu l-ħelsien mingħand l-Iben. Waqt li jiċħdu li l-Emmanweli twieled mill-Verġni huma jagħżlu li jibqgħu mċaħħda mid-donj tiegħu li hija l-ħajja ta' dejjem. Billi l-anqas ma jridu jaċċettaw il-Verb li jħares min-nuqqas ta' taħsir, huma kuntenti li jibqgħu fil-ġisem mortali u jkomplu jxerrdu l-mewt għaliex ma jkollhomx fihom il-mediċina tal-ħajja".

## F'GĦAQDA MA' MARIJA: VERĠNI U OMM:

L-istorja tas-salvazzjoni kollha kemm hi kkonċentrata fuq Kristu, bħala Alla magħna, u mhux mifrud mill-Verġni Omm. F'Marija wieħed jara l-bażi storika u x-xhieda tal-ħelsien li twettaq. Vera Omm, iktar minn kull omm oħra, hija setgħet toffri lill-Verb in-natura tagħna li saret tirrappreżenta l-ġens uman kollu.

Hija Verġni mhux biss għaliex ġiet imħarsa l-verġinità tagħha fil-qawwa ta' mħabbitha 'l Alla u bla mittiefes il-ġuf tagħha, iżda l-iktar għaliex Alla nnifsu, f'każ uniku, għoġbu jimliha b'qawwa mill-għoli u nissel fi ħdanha frott divin. Din il-qawwa divina mhix waħda bis-setgħa ta' raġel jew tan-natura umana, iżda minn Alla biss. Il-Verb sar bniedem u waqqaf l-għamara tiegħu fostna billi sar salvazzjoni u wassal lil kull bniedem id-doni kollha tal-grazzja.

Il-verġinità fekonda ta' Marija hija sinjal li fl-aħħar twettaq il-pjan etern tal-Missier għaliex Alla biss seta' waħdu jnissel il-frott f'ġuf ta' mara. Il-maternità verġinali tagħha huwa għalhekk sinjal li l-bniedem sħiħ fl-aħħar ġie salvat minn Alla.

Marija hija u tibqa' s-sinjal dejjiemi tas-salvazzjoni tagħna għax l-għaqda li trid tara fina hija waħda dinamika, imxebbha ma' mixja 'l quddiem f'dawl kontinwu, taħt il-ħarsien ta' l-Ispirtu Santu lejn l-għarfien sħiħ tal-misteru ta' Kristu.

Sa mill-bidu Marija toffri mudell li fuqu hija mfassla din il-mixja għaliex il-preżenza tagħha tgħin lill-Knisja tiskopri lilha nnifisha fi Kristu, kollha kemm hi Verġni u għal dejjem ikkonsagrata 'l Alla. Hija l-kreatura li tisma' l-kelma bla ma taqta', id-dixxipla perfetta ta' Kristu, li minnu huma mnebbħa l-membri kollha tagħha.

Bħala Omm setgħana taħt il-ħarsien tagħha ħafna jsibu l-kenn tagħhom. Hija toffri eżempju nobbli li fuqu jistgħu jfasslu ħajjithom l-ommijiet kollha li jridu jgħixu fl-imħabba ta' Kristu.

Ma nistgħux ma nkunux fi ħdan dil-Verġni aħna li nagħmlu parti mill-membri ta' Kristu. Hija tat lid-dinja r-Ras ta' dan il-Ġisem, u l-Knisja, bħalha, min-naħa tagħha, hija wkoll Omm u Verġni. Turi li hija omm bl-imħabba tagħha lejna u hija verġni għax iżżomm bla mittiefsa l-fidi u l-għaqda m'Alla.

Il-Knisja wkoll tagħti l-ħajja lill-ġnus u tagħmilhom membri taħt Ras waħda f'ġisem wieħed, Kristu, li tiegħu hija l-għarusa verġni li tnissel bħala wliedha lil dawk kollha li jħaddnu l-verità.

---

Waħda mid-direttivi pastorali tal-Konċilju, rigward il-kult tal-Verġni Mqaddsa hija dik li l-insara "imexxu 'l quddiem bil-qalb, il-qima lejn il-Verġni Mqaddsa, u jkollhom stima kbira tal-prattiki u l-eżerċizzi ta' pjetà li jsiru lejha, irrikkmandati tul is-sekli mill-Maġisteru tal-Knisja". Għalhekk, jekk irridu li nwettqu t-tagħlim tal-Konċilju, jeħtieġ fost ħwejjeġ oħra, li l-qima lejn il-Madonna nagħtuha l-importanza li jixirqilha.

---

Kif josserva l-Papa Pawlu VI, id-devozzjoni lejn il-Verġni Mbierka mhux biss tagħmel parti kbira mill-kult nisrani, iżda barra minn hekk "kull żvilupp veru li jsir fil-qima nisranija, irid bil-fors iġib miegħu żieda xierqa fil-qima lejn Omm il-Mulej".

Minn dan nikkonkludu illi jekk f'xi post id-devozzjoni tal-Madonna ġiet imnaqqsa jew imwarrba fil-ġenb, dan ikun ifisser illi f'dak il-post ma kienx hemm żvilupp awtentiku tal-kult nisrani.

(Minn "Il-Qima lejn Sidtna Marija" tal-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi).

## X'TGĦID IL-BIBBJA FUQ IL-MADONNA

Għall-okkażjoni tas-Sena Marjana se nġibu f'kull ħarġa tar-rivista tagħna 3 noti ċkejknin ta' studju fuq il-Madonna taħt it-titlu ġenerali ta' **"Min hi Marija?"** It-tweġiba għal din il-mistoqsija neħduha dejjem mill-Kotba Mqaddsa, li jagħtuna r-rivelazzjoni fuq il-misteru ta' Marija.

Il-programm ta' tnax-il suġġett, tlieta f'kull ħarġa, ikun dan li ġej:

1 **Marija Omm Alla (ġenerali)**
2. **Marija fil-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju (Lq 2, 22-38)**
3. **Marija fit-tħabbira tat-Twelid ta' Ġesù (Lq 1, 26-38)**
4. **Marija fil-ħajja moħbija ta' Ġesù (Lq 2, 39-52)**
5 **Marija fiż-żjara lil Eliżabetta (Lq 1, 39-56)**
6 **Marija fit-tieġ ta' Kana (Ġw 2, 1-11)**
7 **Marija ħdejn is-Salib ta' Ġesù (Ġw 19, 25-27)**
8 **Marija rebbieħa tad-dnub u l-mewt (Ġen 3, 14-15)**
9 **Marija fil-Pentekoste (Atti 1, 12-14)**
10 **Marija, il-Mara ta' l-Apokalissi (Apok 12, 1-6)**
11 **Marija, l-Omm-Xebba tal-Messija (Is 7, 14; Mt 1, 18-25)**
12 **Marija fit-Twelid ta' Ġesù (Lq 2, 1-20).**

Xi wħud minn dawn it-titli qegħdin f'xhur li fihom taħbat xi festa liturġika tal-Mulej Ġesù jew ta' Ommu Marija. Hekk, fl-1 ta' Jannar hi s-solennità ta' Marija taħt it-titlu ta' Omm Alla; fit-2 ta' Frar, il-festa tal-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju; fil-25 ta' Marzu, it-tħabbira tat-Twelid tiegħu (l-Annunzjoni). Għalhekk dawn it-titli m'humiex fl-ordni kronoloġiku, imma fl skond l-ordni liturġiku.

Dan il-ftit tagħlim fuq Marija, Omm Ġesu-Alla, illum għandna bżonnu ħafna, għax xi setet li nibtu fostna qegħdin jagħmlu kemm jistgħu biex ixerrdu tagħlim falz kontra Ġesù Kristu u Ommu Marija. Jeħtieġ inkunu nafu sewwa min hi Marija, biex inħobbuha aktar u nkomplu nqimuha kif jixirqilha.

# MIN HI

Minn DONAT

## OMM ALLA (1)

L-1 ta' Jannar, l-ewwel jum tas-sena, hu ddedikat lil Marija, bħala Omm Alla. Wara li għamilna t-tifkira tat-Twelid ta' Ġesù Kristu, jixraq niftakru f'dik li ġabitu fid-dinja — Marija ta' Nazaret. U, billi Ġesù m'huwiex biss bniedem bħalna, imma wkoll Alla veru minn Alla veru, Marija m'hijiex biss Omm Ġesù, il-bniedem, imma wkoll Omm il-Bniedem-Alla.

### Omm Ġesù

Imkien fl-Evanġelju jew f'xi partijiet oħra tal-Kotba Mqaddsa ma jingħad hekk ċar u tond li Marija hi "Omm Alla". Imma jingħad ħafna drabi li Marija hija Omm Ġesù jew "li minnha twieled Ġesù". (Mt 1, 16; Atti 1, 4). Fl-istejjer sbieħ tat-twelid ta' Ġesù, San Luqa juri dejjem lil Marija bħala dik li minnha tnissel u minnha twieled, u jsejħilha "Ommu". (2, 48, 51).

Fir-raba' Evanġelju, dak ta' San Ġwann, Marija tissemma darbtejn biss, fl-istorja tat-tieġ ta' Kana — "u omm Ġesù kienet hemm" (2, 1) — u fl-istorja tal-mewt ta' Ġesù fuq il-Golgota — "kien hemm wieqfa ħdejn is-Salib ta' Ġesù Ommu" (19, 25). San Ġwann ma jsemmix lil Marija b'isimha, imma jsejħilha dejjem "Omm Ġesù".

Meta nkiteb ir-raba' Evanġelju f'egħluq l-ewwel seklu tal Kristjaniżmu, ħabta tas-sena 100 W.K., il-qima ta' l-insara lejn Ġesù Kristu u l-fidi tagħhom fih kienet kbira ħafna. Għalhekk ukoll kienet kbira ħafna l-qima tagħhom lejn Marija, li minnha twieled Ġesù. Kienu aktar iħobbu jsejħulha bit-titlu ta' l-ogħla ġieh tagħha — "Omm Ġesù" — milli b'isimha.

# ...I MARIJA

...T SPITERI, OFM Cap.

**Omm l-Iben ta' Alla**

"Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara". (Gal 4, 4). B'din il-kelma San Pawl fehem igħallem li l-Iben ta' Alla, li kien ma' Alla qabel iż-żmien, ġie mibgħut minnu fiż-żmien u sar tassew Bin il-Bniedem, għax twieled minn mara, minn Marija ta' Nazaret.

Meta Marija wildet lil Binha fiż-żmien li kien minn dejjem l-Iben ta' Alla qabel iż-żmien. Aħna nemmnu li Marija hi Omm Alla, għax nemmnu li Ġesù Binha, hu tassew Alla, "Hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixba lill-bniedem u deher min barra bħala bniedem".

Dan hu l-Kredu tagħna, il-Kredu ta' l-Insara. Din hi l-fidi tagħna. Ġesù hu Alla! Mela Marija, Omm Ġesù, hi Omm All! Hi "Omm il-Mulej". (Lq 1, 43).

## MARIJA FIL-PREŻENTAZZJONI TA' ĠESÙ FIT-TEMPJU *(2)* (Lq 2, 22-38)

Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-liġi ta' Mosè, ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej.

"Il-liġi ta' Mosè kienet trid li l-mara, meta jgħaddi ż-żmien ta' l-indafa tagħha għal tifel jew tifla, iġġib ħaruf ta' sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq u beċċun ta' ħamiema jew gamiema għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni u tagħtihom lill-qassis... Din hi l-liġi għall-mara li tiled tifel jew tifla" (Lev. 12, 6-7). Liġi oħra kienet tgħid: "Kull tifel li jitwieled l-ewwel jiġi kkonsagrat lill-Mulej". (Es 13, 12)



Marija obdiet din il-liġi; fl-erbgħin jum wara t-twelid ta' binha Ġesù ħaditu fit-Tempju ta' Ġerusalemm u ppreżentatu lill-Mulej Alla.

**Is-Sagrifiċċju ta' Kristu**

Il-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju tfisser il-missjoni tiegħu. Hu ġie fid-dinja biex joffri lilu nnifsu lil Alla bħala vittma għall-maħfra tad-dnubiet tal-bnedmin kollha; biex ibati u jmut u jagħti ħajtu għall-fidwa tal-kotra. Il-liġi tal-preżentazzjoni ta' l-ewwel iben fit-Tempju kienet tfisser li dan l-iben kien qed jitqiegħed fl-istat ta' vittma quddiem Alla. Il-liġi kienet li "kull ma jitwieled l-ewwel fost ulied Israel, sew tal-bnedmin u sew tal-bhejjem", kellu jiġi ssagrifikat lill-Mulej Alla. (Es 13, 1).

Imma billi l-Israelin ma setgħux joqtlu 'l uliedhom b'sagrifiċċju, kif kienu jagħmlu l-Kanghanin, kellhom "jifduhom" billi flokhom joffru ħaruf u beċċun. U jekk il-mara kienet tkun fqira, setgħet toffri biss "żewġ gamimiet jew żewġ bċieċen tal-ħamiem". (Lev. 12, 8).

Marija tat l-offerta ta' omm fqira. Imma tat ukoll l-aqwa offerta: ressqet quddiem Alla lil Binha Ġesù fit-Tempju kif imbagħad aktar tard kellha toffrih tassew fuq il-Golgota għall-maħfra tad-dnubiet.

**Vittma ma' Kristu**

F'dik l-okkażjoni Xmun qal lil Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel; se jkun sinjal li jmeruh — u int ukoll sejf jinfidlek ruħek!"

Din kienet it-tħabbira tad-duluri ta' Marija. Kienet it-tħabbira li "l-Messija kellu jbati". Kien se jkun hemm minn dawk li jilqgħuh, u għal dawn hu kien se jkun il-qawmien; u kien se jkun hemm dawk li jwarrbuh, u jmeruh. Dawn ta' l-aħħar kienu se jwassluh sal-mewt fuq is-salib.

Marija, Omm il-Messija li jbati, kellha tissieħeb ma' Binha fit-tbatija. Hu kien se jbati fil-ġisem u hi kienet se tbati fil-qalb minħabba fih. Is-sejf tiegħu kellu jinfdilha qalbha.

Il-profezija ta' Xmun seħħet meta Marija keinet hemm fuq il-Golgota wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù. (Ġw 19, 25) Dak il-ħin offriet tassew lil Binha bħala vittma għall-maħfra tad dnubiet, bħalma fil-bidu ta' ħajtu kienet ħaditu fit-Tempju u ppreżentatu lill-Mulej.

## MARIJA FIT-TĦABBIRA TAT-TWELID TA' ĠESÙ *(3)*
## (Lq. 1, 26-38)

"Meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi 'l dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' l-ulied". (Gal. 4, 4-55)

L-Iben ta' Alla twieled bħala bniedem "minn mara". Mill-Evanġelju nafu li din il-mara kienet Marija ta' Nazaret. Bl-istorja sabiħa tat-Tħabbira tat-Twelid ta' Ġesù San Luqa mhux biss igħarrafna li Marija ta' Nazaret hi tassew Omm Ġesù, imma jitfa' wkoll ħafna dawl fuq il-misteru ta' Marija. Di l-istorja tirrivelalna li Marija kienet maħbuba minn Alla u minnu magħżula biex tkun dik li minnha Ibnu l-maħbub kellu jieħu l-ġisem u jsir bniedem.

**Il-Maħbuba ta' Alla**

Aktar milli maħbuba minn Alla, Marija hi "il maħbuba ta' Alla". Din tfisser il kelma Griega *kecharitômene.* Aħna nittraduċuha "mimlija bil-grazzja". Din m'hijiex traduzzjoni eżatta, għalkemm fis-sens tagħna tfisser l-istess ħaġa. Il-kelma "grazzja" *(charis)* fil-Bibbja hi d-don ta' l-imħabba t'Alla lejn il-bnedmin, hi l-espressjoni tar-rieda tajba tiegħu lejhom. Għalhekk, meta ngħidu li Marija hi "mimlija bil-grazzja", inkunu nifhmu li Alla lejn Marija wera l-imħabba u t-tjieba tiegħu fl-ogħla grad, kemm seta' jkun.

Dan fi kliem ieħor stqarritu hi stess, meta qalet: "Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar" (Lq ?, 49). Meta sellmilha, l-anġlu ma sejħilhiex b'isimha, imma bit-

*ikompli paġna 404*

## "L-Appostlu ta' l-Immakulata"

# San Massimiljanu Maria Kolbe O.F.M. Conv.

*minn* **M.F.B.**



**Nhar il-Ħadd, 10 ta' Ottubru, il-martri ta' żmienna, il-Patri Massimiljanu Kolbe O.F.M. Conv., ġie ddikjarat qaddis mill-Papa Ġwanni Pawlu II f'ċerimonja solenni fil-pjazza ta' San Pietru quddiem folla straordinarja ta' nies miġbura hemm mid-dinja kollha biex tqim lill-Protettur ta' dan is-seklu diffiċli.**

### Il-Ħajja tal-Qaddis fil-Qosor:

Patri Massimiljanu Kolbe twieled f'Zdunska Wola qrib Lodz, fil-Polonja, fit-8 ta' Jannar 1894, minn Marija Dalrowska miżżewġa lil Ġulju. Fil-magħmudija ġie mogħti l-isem ta' Raymond. Fit-tfulija kien fuq ruħu mhux ħażin imma ommu kienet tgħid li fost ħutu huwa kien l-aktar wieħed uddibjenti. L-għaxqa tiegħu kienet li joqgħod idur m'ommu jgħinha fix-xogħol tad-dar.

Id-dar kellhom artal żgħir u Raymond spiss kien imur ħdejh jinżel għarkubbtejh u jitlob. Darba mar fejn ommu u qalilha: "Ma, dehritli l-Madonna!" Ommu qaltlu li kien qed joħlom. "Veru, ma", qalilha "dehritli. F'idejha kellha żewġ kuruni, waħda bajda u l-oħra ħamra. Imbagħad staqsietni jekk kontx irridhom.... Il-Madonna qaltli li l-kuruna l-bajda tfisser is-safa u l-kuruna l-ħamra tfisser il-martirju. Jiena b'ferħ kbir għidtilha li xtaqthom it-tnejn".

Fl-1907 daħal is-Seminarju tal-Franġiskani Konventwali u l-imħabba lejn il-Madonna ma naqset qatt fih. Raymond kien wegħdha li jkun il-Kavallier tagħha biex jirbaħ u jressaq aktar erwieħ lejha. Xħin kien lest biex jibda n-novizzjat, Raymond ġie mogħti l-isem ta' Massimiljanu. Huwa ġie mibgħut Ruma biex ikompli l-istudji ekkleżjastiċi fl-Università Gregorjana u fil-Kulleġġ Seraficum tal-Ordni tiegħu.

Meta kien għadu student waqqaf l-istituzzjoni magħrufa bħala l-Milizja ta' Marija Immakulata. Ordnat qassis fit-28 ta' April, 1918, irritorna fil-Polonja u beda l-apostolat Marjan tiegħu, speċjalment bil-pubblikazzjoni ta' kull xahar ta' "Il-Kavallier ta' l-Immakulata" li sa l-1938 laħaq mal-miljun kopja.

Fl-1927 fil-Polonja waqqaf il-belt ta' Marija Immakulata, ċentru ta' ħajja reliġjuża u diversi forom ta' appostolat b'mod speċjali ta' l-istampa. Fl-1930 mar il-Ġappun fejn waqqaf belt oħra bħalha.

## It-Tieni Gwerra Dinjija

Meta reġa' lura fil-Polonja, iddedika l-ħin tiegħu kollu għal dax-xogħol b'diversi pubblikazzjonijiet ta' xejra reliġjuża. It-tieni gwerra dinjija sabitu jmexxi waħda mill-aqwa stamperiji fil Polonja, megħjun minn sħabu Patrijiet.

F'Settembru tal-1939, kien arrestat mill-Ġermaniżi u ħaduh l-ewwel Lamsdorf (Ġermanja), imbagħad fil-kamp tal-konċentrament f'Amtitz. Wara li ħelsuh fil-festa tal-Immakulata, 8 ta' Diċembru 1939, reġa' lura fil-belt ta' l-Immakulata fejn reġa' beda x-xogħol tiegħu bla waqfien. Ġie arrestat għal darb'oħra fl-1941 u ġie mitfugħ il-ħabs ta' Pawiak f'Varsavja, imbagħad ħaduh fil-kamp ta' Oswiecim (Auschwitz).

Wara li offra ħajtu biex imut minflok missier żagħżugħ, li kien ikkundannat għall-mewt ma' disgħa oħra bħala tpattija għall-ħarba ta' wieħed mill-priġunieri, ġie magħluq fil-bunker ħalli jmut bil-ġuħ. Fl-14 ta' Awissu 1941, lejlet il-festa tat-Tlugħ fis-sema ta' Sidtna Marija, ħajtu ntemmet b'injezzjoni tal-velenu u ħa l-aħħar nifs, wara li kien assista u kkonforta lil sħabu li kienet messithom l-istess xorti ħażina. Ġismu safa maħruq. Miet martri ta' l-imħabba. Wara li pprattika s-safa fil-vokazzjoni tiegħu u l-professjoni reliġjuża, sofra wkoll il-martirju għall-imħabba ta' Alla fil għotja ta' ħajtu għal għajru. Id-dehra taż-żewġ kuruni seħħet.

## Il Kult ta' Marija Immakulata

Jekk it-tmiem ta' ħajtu mmeritalu l-ġieħ tal-martri, hekk li issa l-Knisja tgħarfu bħala San Massimiljanu Marija Kolbe Martri, żgur li din il-glorja mmeritaha minħabba l-qima lejn il-Madonna. Il-Papa Pawlu VI, fid-diskors tal-Beatifikazzjoni tiegħu li seħħet fis-17 ta' Ottubru 1971, igħidilna: "Massimiljanu Kolbe kien l-appostlu tal-kult lejn il-Verġni Mqaddsa, hekk kif tidher fis-sbuħija ta' dak l-ewwel privileġġ: l-Immakulata Kunċizzjoni. Hu impossibbli li tifred l-isem, l-attività u l-missjoni ta' Kolbe minn dik ta' Marija Immakulata...."

"Hu magħruf tajjeb kif l-umli u twajjeb Franġiskan, b'kuraġġ li ma jitwemminx u b'ġenju organizzat, żviluppa u għamel id-devozzjoni lejn l-Omm ta' Kristu murija bħala l-imlibbsa bix-xemx (Apok 12, 1) il-punt prinċipali ta' l-ispiritwalità, l-apostolat u t-teoloġija tiegħu".

---

*jaqbad minn paġna 402*

titlu kbir tagħha. Flok "Sliem għalik Marija" qalilha "Sliem għalik, maħbuba (minn Alla)". Dan it-titlu sabiħ ħa post isimha u sar qisu isimha, biex ifisser li Marija hi "Il-Maħbuba ta' Alla". Alla jħobbna lkoll (Kol 3, 12). Imma lil Marija ħabbha b'mod speċjali, għax hi l-magħżula tiegħu biex tkun Omm Ibnu l-maħbub.

Meta wasal iż-żmien biex l-Iben ta' Alla jsir bniedem għas-salvazzjoni tal-bnedmin, Alla ħares lejn ix-xebba Marija ta' Nazaret, ħabbha u għażilha biex minnha Ibnu jieħu l-ġisem ta' bniedem.

## Verġni u Omm

Bid-djalogu bejn l-anġlu Gabrijel u Marija, San Luqa fehem igħallem ukoll il-miraklu tat-tnissil verġinali ta' Ġesù jew li x-xebba Marija ta' Nazaret nisslet Iben f'ġufha mhux bl-opra ta' żewġha Ġużeppi, imma bil-qawwa ta' l Ispirtu s Santu. Għad-diffikultà ta' Marija "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?", l-anġlu weġibha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek". Dan il-kliem ifisser b'mod ċar li Marija kellha ssir Omm bla ma titlef xbubitha, "għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir". Qatt ma nstema' li mara saret omm u baqgħet xebba. Dan kien biss privileġġ ta' Marija, għax hi ġiet magħżula biex tkun Omm l-Iben ta' Alla.

Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej ħa jsir minni skond kolmtek!" u għall-kelma tagħha "il-Verb sar bniedem u għammar fostna". (Ġw 1, 14).

# U l-Ġibs Deher Jiċċaqlaq

Minn PETER PAUL VELLA

Ralph, ġuvni li fejn tarah aktarx issibu mħasseb, qabad il-karozza tal-linja li kellha twasslu Marsalforn. Kellu jiltaqa' ma' sieħbu Alfred, biss dan baqa' ma deherx. Mat-tokki tal arloġġ ta' San Franġisk, ir-roti nħallu u ftit mumenti wara Ralph u l-bqija tal-passiġġieri sabu ruħhom jaqsmu l-ħdura tal-egħlieqi taħt sema mgħajjeb bi sħab baxx u sfiq. Ix-xita kienet imdendla u Ralph hejja ruħu f'każ ta' xi tixriba.

L-ewwel lemħa tal-baħar daħħlitu f'qoxortu. Qatt f'għomru ma kien ra tant qilla. Tassew li llum il-baħar ried jibla' l-art. Ir-raxx kien qed jaqsam it-triq biswit il-bajja u t-trambil taċ-ċagħak hu u jofrogħ tist?ajlu sparar tal-bajunetti fil-gwerra. Rabba l-kolp u b'ġirja waħda għamel għan-naħa l-oħra tal-port fejn basar li se jsib lil John li għal xi żmien kien il-boss tiegħu, jonħor fis-sular ta' fuq ir-Restaurant. Deher jaħsibha qabel iħabbat. Hu kien ġie apposta biex jitlob pjaċir u tajjeb kieku ma ddardarx l-għajn li trid tixrob minnha. Sar jaf 'il John madwar sentejn qabel għax il-kilba li kellu biex isib xogħol matul is-sajf u hekk ma jibqax f'saqajn ommu kienet kbira w'sq. Stenna għaxar minuti jitlajja minn ġenb għall-ieħor sakemm ġieh ħsieb li jistaqsi lill-ġara taħdem il-labar waqt li tgħarrex minn wara purtiera tal-qasab. Sabha iebsa biex iniżżilha li kien ħa dik it-triq għalxejn għax John ma kienx qed joqgħod Marsalforn imma tela' mal-familja x-Xagħra. Il-mara ssoktat tgħidlu li waqt btala qasira li kien għadu kif ġie lura minnha, John safa korrut u jinsab marbut fil-ġibs. Din l-aħbar ixxukkjat ferm lil Ralph tant li ma ried ikun jaf xejn aktar, imma qatagħlha fil-qasir, sellimilha u b'pass ħafif biex ma jinħakimx mir-raxx reġa' mexa fuq il-passi tiegħu.

Il-karozza kien fadlilha nofs siegħa oħra biex titlaq u għalhekk mar l-għassa biex jara jċempilx id-dar ta' John. Heqq, għall-inqas ikun jaf kif inhu. Dak il-ħin beda jpinġi lil John kif kien sentejn ilu meta b'rabja ta' ljun kien qallu biex ma jinżilx għax-xogħol iżjed, f'kelma waħda kien keċċieh kiesaħ u bieres bla warnings u xejn. Ralph ħass għafsa ta' qalb għax hu ma kienx naqas minn dmiru biex ġab dik it-tkeċċija. John ordnalu joqgħod overtime u Ralph raha mpossibbli li joqgħod għax kellu x'jagħmel id-dar u lill-ġenituri ma kienx infurmahom. John kien imdagħdagħ għax naħla li nzertat kienet tittajjar ħdejn bieb ir-restaurant għoġobha tmur fuq imnieħer John li kien għadu ġej minn Malta fuq il-Yamaha 275 u tagħtu xewka. Ralph li kien qed iservi xi klijenti fuq it-terrazzin f'qalbu għoxa bid-daħk jara mnieħer John jiħmar u jleqq qisu tadama. Imma d-daħk malajr sar imrar għax min kellu jgħidlu lil Ralph li wara tant pjaċiri li wettaq fix-xahar li dam jaħdem, kellu jisfa mkeċċi.

Daħal l-għassa u bla ma sellem, waqaf quddiem l-iskrivanija. Il-pulizija kien tant minn tagħna li mhux biss sablu n-numru fuq id-direttorju, imma wkoll offrielu t-telefon ta' quddiemu biex jinqeda bih. Bla ma nduna Ralph daħħal ċapap tal-ħamla li l-baħar imqalla' għoġbu jitfa' fit-triq. Meta ntebaħ b'li għamel, wiċċ il-ġuvnott beda jitfi lewnu. Imma sab li ma setax inaddfu għax ma' kull pass li jagħmel, it-traċċi joktru. Biss raġel li kien daħal qablu għall-kenn ta' dik id-dwejra malajr ġab kollox f'postu b'daqqa ta' mopp. 'Hello ... ma' min qed nitkellem, John ... kif int ... jiddispjaċini għal dak li ġarrabt ... Jien Ralph ... għamilt xi żmien naħdem miegħek ...... nista' niġi narak għax għandi bżonn favur ... qaluli li kont San Luqa ... inti tista' tikteb? ... Tajjeb mela niġi narak ... l-indirizz qiegħed fuq id-Direttorju ... 22 Għajn Qatet le? ... O.K. Ċaw.' Ralph irringrazzja lil dawk iż-żewġ Għawdxin dħulin, sellem u ħareġ. It-temp qaleb għall-agħar. Irħielha għal għonq it-triq wieqfa li tieħu għal dak ir-raħal. Wara ħafna nfieħ sab ruħu biswit jeep jistaqsi lil raġel mleflef f'ġakketta mnejn irid iterraq. Kienet bdiet togħġbu l-ideja tat-turista u b'sodisfazzjon ittenda li l-ieħor wieġbu bil-Malti flok bid-djalett. Min jaf x'ħasbu għaddej f'tant maltemp bis-suitcase f'idu. Għax tgħid fejn kont tara 'l Ralph barra r-raħal ikun spiss b'xi ħaġa f'idu. Ġibed b'pass ħafif lejn in-naħa li wrielu dak sa ma bwieb is-sema nfetħu u l-imsejken sab ruħu ma jafx fejn se jagħti rasu. Qabad igħarrex 'l hawn u 'l hinn għal imkien kenni. L-ewwel ġirja għal-lemin u ra li tqarraq, imbagħad qasam għan-naħa l-oħra u b'ħerqa daħal f'ċens taħt il-pal tal-bajtar. Kemm dam hemm ġieh ħsieb ieħor u għamel f'moħħu li jiswielu x'jiswielu jwettqu.

'Min jaf kieku lil John neħodlu pakkett gallettini kif jeħodha?' Ralph kien għadu jħoss taħt ilsienu l-qares tal-mistħija li kien ġarrab. Hu qatt ma kien se jasal ipattilu lil John bl-istess arma u f'qalbu ħafirlu kemm-il darba. Imma xħin ġie biex jinsa u jidfen kulma ġara sabha 'l fuq minnu. Dik iċ-ċamata li kien dabbar quddiem sħabu, li sa dak inhar kienu jżommuh fuq l-idejn, baqgħet tidwi f'widnejh. Anqas żied jinżel Marsalforn biex jaqta' kull assoċjazzjoni ma' dik il-ġrajja. Qalb Ralph baqgħet tippompja demm fuq tiegħu li ma kienx bi ħsiebu jmejjel rasu bilġri. Ix-xita issa battiet u wara titwila lejn l-ajru mimli, iż-żagħżugħ ra li x-xita se teħda u għandha mnejn tħallih jasal fejn għandu jasal. Allura ħareġ mill-bejta u ħassu jeħla għad-dehra tal-madwar imdandan bil-qtar li jġedded ilħajja. Ħdura li kellha tgħatti l-inxufa li ħalla warajh is-sajf sħun u niexef. Ralph kien qatagħha u bil-boċċi ta' għajnejh svelti beda jgħarrex għal xi ħanut tal-merċa. In-nuċċali kien neħħieh minn quddiem għajnejh għax ix-xita kienet tappnitulu.

Daħal f'garaxx li kellu indana kaxxi tal-kartun mal-ġnub u staqsa lil min kien hemm ġew jekk kienx ibiegħ oġġetti ta' l-ikel. L-ieħor resaq ħdejn Ralph u b'idu l-leminija wrieh mnejn seta' jsib biex jitrejjaq u l-istranġier bla kliem u bla sliem għaddas rasu u baqa' sejjer għal wiċċ ir-riħ li issa kien qed ivenven ġmielu. Issa daħal fi triq li ma kenitx ġdida għalih ... kienet dik li tieħu għall-għar ta' Kalipso u malli dar il-kantuniera jsib il-ħanut ma' wiċċu. Eżatt kif stħa'lu hu ... kellu purtiera tal-isbag imdendla titboq il-bieb,

tgħatti 'l min hemm ġewwa minn għajn in-nies u tostor id-diżordni li f'dan il-lok kienet tirrenja bi sħiħ! B'xorti tajba tal-ħanut kienet ġewwa tħawwad il-borma li kienet qed tarmi riħa tiftaħ l-aptit u Ralph kellu ċans jagħżel x'l-aħjar jixtri bil-flus li kellu f'butu. Jew pakkett galleitini kif ippjana fil-bidu jew tnejn Crackers u billi l-kwantità dejjem għelbet f'moħħ Ralph, għażel il-Crackers. Offra li jniżżilhom hu minn fuq l-ixkaffa għolja u l-mara ma ħallitux igħid darbtejn. Ħallas u reġa' qabad miexi. Irrealizza li t-triq issa kienet baħħ u l-fatt li ħassu waħdu għamlu ħieles mill-ħars neffied ta' taħt il-persjani. Ra isem it-triq Għajn Qatet ... kien qorob u l-għadd tan-numri wrieh li n-numru li kien ħażżeż fuq biċċa karta ken erba' passi biss 'il bogħod. Hawn hu! Tela' xi turġien u ħabbat bil-ħabbata artistika li kien hemm imdendla mal-bieb prinċipali. L-ebda ħoss. Reġa' ħabbat iżjed bil-qawwi u din id-darba ġiet mara ħelwa għalkemm imdaħħla fiż-żmien. Jiftakar li kemm dam jaħdem kien ċempel xi darbtejn għand omm John u minn leħinha għarafha.

Il-manjieri tagħha kienu dħulin daqskemm id-dehra tagħha kienet issaħħar. Il-mistieden xtaq jiġbed it-taħdita aktar fit-tul, imma hi dehret għandha x'tagħmel u wara li nfurmat lil binha li kellu n-nies irridu jarawh, ħadet lil Ralph fil-kamra tas-sodda. John kien f'qagħda li mhux faċli tpinġija. Għalkemm mgħotti bil-lożor wieħed seta' jara li minn għonqu sa kuxxtejh l-imsejken John kien imsakkar ġo gaġġa tal-ġibs.

M'għandniex xi ngħidu, John ukoll inqata' għad-dehra ta' Ralph li sal-lum kien twal u twessa'. Ma għadux aktar dak il-wiċċ lixx imma issa kienet imbeżqet il-leħja u n-nemex li kien jiżgħad f'wiċċu għeb għal kollox. John offrielu siġġu u għal xi ħin waqgħet ħemda kbira li t-tnejn ħassewha tgħaffiġhom taħtha. Ralph, biex jagħmel xi ħaġa, poġġa l-Crackers fil-Wall Unit u mbala' ftit xħin ra indana statwi tal-Madonna u ta' xi qaddisin. John allura baqa' persważ li kellhom jibqgħu hemm avolja kienu jżuruh ħbieb li d-dagħa għali-hom sar kalmanti u l-għatba tal-knisja mhux żgur baqgħet tifta-karhom. Bil-mod il-mod beda jissawwab id-diskors.

"Allura, John, kif tħossok? Jien dal-għodu smajt b'li ġralek."

"Eh, Ralph, dik li hemm warajk ħelsitni", qallu hu u jurih stat-wa tal-ġibs tal-Madonna ta' Lourdes. "Id-daqqa tal-kaxxi fuq dahri kienet ċiżżejjed biex tfarrakli x-xewka ta' dahri. Hekk qaluli l-Pro-fessuri Taljani."

"Ma kenux vaganzi! Ilek tiġri daqshekk bl-iscrambler qatt ma ngrift u meta nftaqt għal ftit minnu kellek tkorri. Ara l-bċejjeċ kif jiġu. Imma issa qed tħoss wisq uġiegħ?"

"Uġiegħ mill-inqas kieku. Imma minn għonqi sa kuxxtejja ma nistax nitħarrek u anqas kieku stajt nitħarrek, il-ġibs iżommni."

"Mela veru li ħlistha għal xagħra!... Se ddum bih dak il-ġibs?" kompla Ralph billi m'għarafx x'se jaqbad igħid.

Il-Professuri xtaqu jżommuni Ruma biex nibqa' taħt għajnejhom, imma jien xbajt l-isptar u ġejt lura Malta. Għamilt jumejn San Luqa imma bagħtuni basta mmur ġimgħa oħra għaċ-Check-up."

U l-kliem bħaċ-ċirasa, waħda ġġib l-oħra sakemm Ralph deherlu li ż-żjara kienet twalet biżżejjed u John ikun irid jistrieħ. Beda jaħseb kif se jagħlaq it-taħdita u ftakar li ried jitlob lil John jiffirmalu l-ktieb tax-xogħol. John mhux biss aċċetta bil qalb imma wkoll offra li jagħmillu ċertifikat sabiħ biex jirrakkomandah mas-sidien il-ġodda bħala ħaddiem ħabrieki. Ralph ħassu se jtir bil-ferħ u wara li sellem lill-marid, ħaffef il-barra.

Kif ħalla l-aħħar targa, sfilata ħsibijiet remgħu għaddejjin minn quddiem moħħu li wassluh għall-konklużjoni li tassew li l-Madonna nqdiet bil-ġibs li ċċaqlaq biex ġab is-sliem bejn dawn iż-żewġ żgħażagħ. Ħareġ Ralph ifqar fil-flus imma ferm iżjed sinjur fl-esperjenza.

---

"Ilkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, Omm Ġesù u ma' ħutu". Kienu jitħejjew għall-miġja tal-Ispirtu s-Santu fosthom.

(Atti ta' l-Appostli).

Il-Pentekoste hu għal Marija, jum ta' ferħ, għax rat il-Knisja l-ġdida ta' Kristu tifforma ruħha. (A. Merk).

Qabel il-Pentekoste naraw lil Marija titlob id-doni ta' l-Ispirtu s-Santu li fuqha kien ġà xeħet dellu fit-tħabbira ta' l-Anġlu. (M.A. Enard).

Għalkemm il-Vanġelu ma jsemmix id-dehra ta' Kristu Rxoxt lil Marija, is-Santi Padri u l-insara jemmnu li Hu taha d-dehra tal-glorja Tiegħu rxoxt.

(A. Merk).

Fllwaqt ll berlkhom, lmteddu fl-art jagħtuh qima u, mimlijin bil-ferħ, reġgħu lura lejn Ġerusalem. (S. Luqa).

Fiċ-Ċenaklu, fiċ-Ċentru tal-Knisja, fejn insibu 'l Marija, ix-xogħol tagħha hu li tirrifletti fuq il-Fidi u li żżomm fil-qalb tal-fidili lil Kristu rxoxt. (M.A. Enard).

Ħdejn is-Salib Marija hija l-Eva l-ġdida li "tissieħeb" mas-sagrifiċċju ta' Adam il-ġdid — Ġesù. (Lumen Gentium).

Marija hija miftuħa għall-ferħ tal-Qawmien mill-mewt ta' Binha: hija wkoll, bħala kreatura mifdija l-ewwel waħda, ġiet, bil-ġisem u bir-ruħ, fil-glorja tas-sema. Hi t-tip perfett tal-Knisja fuq l-art u tas-sema. (Pawlu VI).

## ANGELUS MESSAGE FOR NEW YEAR'S DAY 1983

# Mary, be the Mother of the salvation of the world



*At noon on New Year's Day Pope John Paul appeared at his study window to greet the people assembled in the Square and to recite the Angelus with them. He delivered the following brief discourse.*

1. "Through Christ, with Christ and in Christ, in the unity of the Holy Spirit,
all honour and glory is yours, Almighty Father".

On this first day of the New Year 1983 we render honour and glory to the One and Triune God in the name "of all creation":

Glory and honour which he receives in Christ.

We do this in every Holy Mass. And we desire to do so every day as we come together for the Angelus at this noon hour. The time that lies before us — this new year — we wish to direct towards God because he alone: "Is the beginning and end of all things".

2. We also rejoice today "for the Divine Maternity of Mary". We address to her again, as always, the words of the angel's greeting:

"Blessed are thou among women and blessed is the fruit of your womb, Jesus". (cf. Lk 1:42).

Today is the octave of the Solemnity of the Nativity of the Lord. On this very day, "he was named Jesus, the name which the Angel had given him before he was conceived in the womb of his mother". (Lk 2:21).

The name "Jesus" — it means "God saves" (Jeho-shua). It means "Saviour". By this very name the world is saved. In this name man is saved.

In the name of Jesus may the Most Holy Maternity of his Mother be blessed.

"Mary" Most Holy, be the "Mother of our salvation".

Be the Mother of the salvation of the world.

3. And finally — on his first day — we turn again to the time which lies open before us, the year 1983, and we say together as in the liturgy:

"The Lord bless you and keep!

The Lord let his face shine upon you, and be gracious to you!

The Lord look upon you kindly and give you peace!" (Num 6:24-26)

May these ardent prayers and good wishes of ours be heard by the Father, the Son and the Holy Spirit — One God — in the Most Holy Name of Jesus, through the intercession of her whose Divine Maternity we venerate today.

# MARY THE VIRGIN

*By* **Joseph A. Breig**

"From this day forward all generations will call me blessed." Surely that was one of the most astonishing prophecies ever uttered by human lips. And to understand more fully how astounding it was, we need to see Mary the Virgin, from whose tongue it came, as she really was. Not as we see her in a mental picture derived from looking upon hundreds of statues and paintings representing her. No, we need to think back 2,000 years in time, and in space to the Holy Land, the Land of Israel, and to the environment and the customs of the time and place when the Virgin Mary was bodily on earth.

She was a teenager. She was perhaps fourteen years of age; hardly more than a child, as we think of youngsters nowadays. Were she living in America now, she would be attending junior high school, or maybe entering a high school as a freshman. Marriage might be something vaguely in her thoughts for a time some years in the future — if it were in her thoughts at all.

Yet Mary the teenager, who lived in Nazareth, in Galilee in the Land of Israel, was betrothed, no doubt through arrangements made by her parents, as was the



custom of the time. Yet according to ancient belief among Christians, marriage for Mary was not intended to be what it normally is, because Mary had consecrated her virginity to God. And the conviction of many Christians is that Joseph her betrothed had dedicated himself in the same manner, by an inspiration from God who had chosen him to be the adoptive father and protector of the Messias.

That Mary had so consecrated herself is indicated by the question she put to the Angel Gabriel when he appeared to inform her that she had been divinely chosen to be Mother of the Messias. "But how can this come about," she asked, "since I am a virgin?" To me, this means nothing less than that Mary had vowed her virginity for life as a special consecration to herself to God — and that in Joseph she had found (or there had been found for her) a spouse similarly vowed. For if Mary had intended her marriage to include the normal physical relations of wife and husband, why would she have asked Gabriel how she could possibly become a mother?

In her virginal consecration of herself, Mary had shown forth the spiritual littleness, the deep-deep humililty, which went with the hiddenness of her life in Nazareth with her father and mother. The greatest honor to which a woman in Israel could aspire was to be chosen to be mother of the Saviour to come. And even apart from that, motherhood was the honor of womanhood among the Israelites. Childlessness was (as in the case of Mary's cousin Elizabeth) a "reproach". To chose childlessness through virginity, therefore, was the profoundest of self-sacrifices.

Such was the self-immolation which this teenager, Mary, had offered to God. In doing so, she mirrored in herself her selflessness, the immolation, the utter self-giving of God, who, in St. Paul's words, "emptied himself" in his incarnation, not considering his divinity, his godhood, something to cling to, but "taking the form of a slave" and entering into humanity for our redemption.

It was not only for our redemption that God made himself man, humbled himself to take upon himself our humanity. It was in the very nature of God's infinite goodness, his boundless love, that he should "empty himself of his divinity". His incarnation was the ultimate, the highest, the greatest, the profoundest showing-forth of his holiness, his unselfishness. That is why his priests sing of Christ in the Mass, "Through him, and with him and in him, in the unity of the Holy Spirit, all glory and honor is yours, Almighty Father, forever and ever." And Mary, filled with grace from the first beginning of her life, was divinely inspired to mirror that divine sacrifice in her own human way.

Such was Mary, the child-woman, the virgin teenager. Such was her littleness, her selflessness, her humility. Yet no longer after she reveived Gabriel's message, we see her standing in the house of her cousin Elizabeth, mother of John the Baptist, who was to prepare the way for her Son, and she is saying astonishingly, "From this day forward all generations will call me blessed!"

It was an astounding, dumbfounding prophecy — a teenage girl asserting that to the end of time, to the end of the human race, her name would be held in benediction. But she was not speaking of her own mind — she was uttering the mind and will of God; she was inspired. And now we see how the strange prophecy has endured for 20 centuries. All generations since the death of her son on a cross have called Mary blessed.

She is the Blessed Virgin Mary. She is the Blessed Mother of God. For 2,000 years, saints and poets and composers and the people everywhere have sought ways of singing her praises — ways of calling her blessed. And this will go on to the end of time, because it is the Church — the Christian people around the world who call

*ikompli pagna 416*

# KRONAKA TAS-SANTWARJU



**DIĊEMBRU:**

**2.** Il-Kurja Marija Immakulata, tal-Leġjun ta' Marija organizza Pellegrinaġġ għall-Awżiljarji għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Saret quddiesa bl-omelija u talb ieħor.

**4.** Il-Fergħa Ewkaristika għamlet bħas-soltu l-laqgħa tagħha fis-Santwarju ta' Pinu. Numru sabiħ ta' nies ħa sehem f'din il-laqgħa ta' talb.

**11.** Il-Moviment Ewkaristiku organizza lejl adorazzjoni. Dan il-lejl ta' talb tmexxa minn Mons. Rużar Borg.

**12.** Dun Manwel Curmi, segretarju tal-Kummissjoni Assistenza Soċjali tal-Kurja qaddes għal grupp ta xjuħ Għawdxin fl-okkażjoni tas-Sena ta' l-Anzjani.

**15.** Pellegrinaġġ mill-Grupp tal-Patrizji tal-parroċċa taż-Żebbuġ.

**18.** Grupp ta' żgħażagħ mill-Kommunità ta' Taize għamlu żjara lis-Santwarju ta' Pinu fejn iltaqgħu wkoll ma' xi żgħażagħ Għawdxin.

**JANNAR:**

**4.** Il-Leġjunarji tax-Xewkija għamlu Pellegrinaġġ għas-Santwarju ta' Pinu fejn imbagħad saret siegħa adorazzjoni li tmexxiet minn Dun Ġwann Mizzi.

**5.** L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni f'egħluq il-Ġimgħa tal-Familja li kienet organizzata mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex. Fl-omelija tiegħu, Mons. Isqof tkellem dwar il-qdusija tażżwieġ nisrani u l-mezzi għall-għaqda u l-paċi fil-familja. Numru kbir ta' miżżewġin Għawdxin ħa sehem f'din il-funzjoni.

**12.** Pellegrinaġġ mill-Ispigolatriċi għas-Santwarju ta' Pinu. Qaddes għalihom Dun Karm Hili.

**FRAR:**

**4.** Pellegrinaġġ mis-Seminaristi Maltin għas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Qaddes għas-seminaristi r-Rettur tas-Seminarju ta' Malta Mons. Lawrence Gatt.

**6.** Ftuħ tal-Ġimgħa tal-Azzjoni Kattolika. Fil-5.00 p.m. l-Asst. Ekk. Djoċesan tal-Azzjoni Kattolika qaddes u għamel l-omelija tiegħu dwar: "L-impenn tiegħi għal Kristu". F'din il-quddiesa, ħadu sehem membri tad-Direttorju Djoċesan. Kantaw il-memberi tal-Azzjoni Kattolika u kienu akkumpanjati mill-Grupp tal-Kitarri tal-istess Għaqda.

**18.** Saret Ċelebrazzjoni Penitenzjali għaż-Żgħażagħ fl-okkażjoni tas-Sena Ċentinarja tal-Madona ta' Pinu. *(Ara ritratt u dettalji fi tmiem il-Kronaka).*

**19.** L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexx

Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Via Sagra mis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu għal fuq l-Għolja ta' Għammar. Numru sabiħ ta' Għawdxin ħa sehem f'din il-Via Sagra.

**23.** Pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Katidral. Il-pellegrinaġġ tmexxa mill-Arċipriet Mons. Carmelo Scicluna li mexxa wkoll konċelebrazzjoni fis-Santwarju.

**27.** L-Arċipriet Dun Alwiġ Vella mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa taż-Żebbuġ għas-Santwarju ta' Pinu. Wara saret Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-istess Arċipriet.

## ĊELEBRAZZJONI PENITENZJALI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Bħala parti mill-programm ta' attivitajiet fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tad-Dehra tal-Madonna ta' Pinu, Sotto-Kumitat għaż-Żgħażagħ organizza ċelebrazzjoni penitenzjali għalihom, nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Frar, fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Dan ir-Rit Penitenzjali kien jikkonsisti f'eżortazzjoni għall-indiema li saret minn Patri Ugolin Xerri OFM. Cap. u kant addattat għal dan iż-żmien tar-Randan immexxi mill-Ispigolatriċi. Wara thejjija xierqa, iż-żagħżagħ ġew imħeġġa jersqu lejn Kristu fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

Għadd kbir ta' żgħażagħ minn Għawdex kollu attenda għal din iċ-ċelebrazzjoni u mijiet resqu għas-sagrament tal-qrar. Ta' min ighid li għalkemm iż-żgħażagħ fil-maġġoranza tagħhom resqu għall-qrar, il-funzjoni ma ħaditx fit-tul peress li kien hemm numru sabiħ ta' saċerdoti li voluntarjament taw is-servizz tagħhom biex jisimgħu l-qrar.



**Dehra taż-żgħażagħ waqt iċ-ċelebrazzjoni Penitenzjali li saret f'Ta' Pinu nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Frar, 1983.**

# GRAZZI MADONNA.... GHAX SMAJTNI!

## GHAWDEX:

Ġorġ Grima; Carmen Borg; M'Jane Rapa; Catherine Portelli; Lora Camilleri; Anthony Farrugia; Salvina Spiteri; M'Anne Azzopardi; Margerita Camilleri; Maria Portelli; Mary Sammut; Victoria Agius; Ġolina Camilleri; Pawlu Portelli; Carmela Zammit; John Galea; Ġanni Grech; Vicky Sultana; Roża Cefai; M'Assunta Grech; Agnes Refalo; Grace Formosa; Francis Calleja; Michael Pace; Michel Piscopo; Louis Agius; Ġolina Grima; Maria Zammit; Frances Debrincat; Maria Vella; Mary Jane Attard; Theodora Formosa; Mary Cini; Toni Camilleri; Tarċisja Grima; Toni Apap; Miriam Attard; Carmela Camilleri; Ġużeppa Bonello; Maria Sacco; Roża Buttigieg; Rosaria Cassar; Nicholas Formosa; Edna Walker; Michaelina Gatt, Carmela Cauchi; Ġina Sultana; Pinu Bugeja; Rose Cefai; Ċensu Zammit; Michael Masini; Michael Grima; Kelina Galea; Mary Attard, Nazju Falzon, Victoria Sultana; Joseph Buttigieg; Joe Vella; Austin Borg; Martin Stellini; Maria Galea; Salvina Camenzuli.

Teddy Vella; Mary Rapa; Filomena Calleja; Ġanni Gauci; Pawlu Grima; Ġolina Vella; John Vella; Natu Camilleri; Ġużeppa Vella; Stella Axiaq; Maria Grima; Ġużepp Said; Maria Assunta Attard; Maria Xiberras; Maria Buhagiar; Joyce Bugeja; John Azzopardi; Frances Falzon; Frenċ Buttigieg; Ġużepp Grech; Tony Muscat; Miriam Attard; Frances Spiteri; Rita Zerafa; Maria Buttigieg; Jean Sladden; Mary Sammut; Joseph Ellul; Ġorġ Grima; Mario Azzopardi; Ġużeppa Mercieca; Jane Grech; John Schembri; Victor Sultana; Rita Sammut; Assunta Apap; Girgor Grech; Frances Portelli; Anna Attard; Ġużepp Abela, Joseph Muscat; Giacinta Farrugia; Doreen Cordina; Ġuża Cauchi; Salvu Azzopardi; Mary Azzopardi; Antonia Sultana; M'Stella Borg; Frenċ Buttigieg; Carmela Buttigieg; Carmelo Muscat; Giovanna Debrincat.

Christina Muscat; Marinton Meilak; John Xerri; Grazzja Aquilina; John Vella; John Cini; Mike Cauchi; Ġorġ Mercieca; Ġuża Vella; C. Portelli; Anton Camilleri; Frank Camilleri; Fredu Sultana; Angela Tabone; Joe Tabone; M'Anna Muscat; Maria Tabone; Carmel Muscat; Maria Grima; Tarċisja Saliba; Pawlu Muscat; Ġorġa Saliba; Carmela Saliba; Rosaria Sultana; Sika Attard; Carmela Vella; F. Rapa; M'Louise Gauci; Katerina Galea; Antonia Attard; Rose Bugeja; Mary Camilleri; Frans Mifsud; Rita Cauchi; M'Ġwann Galea; Rita Azzopardi; Joe Vella; Maria Bajada; Toni Pace; Lonza Xuereb; Ġanna Spiteri; Joe Said; Rita Debrincat.

## MALTA:

Alfred Borg; Mary Borg; John Grech; Mary Bugeja; Elija Grixti; Pawla Portelli; Jane Borg; Robert Vassallo; John Xiberras; Cintia Rapa; Nazju Debattista; Nellie Caruana; Arthur Bezzina; Katerina Galea; Mary Camilleri; Louis Micallef; Helen Gauci; Helen Cachia; Yvonne Agius; Lela Borg; Sammy Attard; Maria Mangion; Ġuża Grech; Ġuża Borg; Mary Cauchi; M'Anna Gauci; Victor Magro; Carmel Ciantar; Manwel Grima; Martin Abdilla; Monica Briffa; Margaret T. Kirk; A. Busuttil; Carmen Grech; Valent Galea.

## AWSTRALJA:

Karistu Sultana; C. Ellul; Vivian Sultana, Angela Sultana; Gregory Buttigieg; Salvina Formosa; J. Attard; Frances Vella; J. Zammit; C.

Bugeja; Charlie Attard; Rose Camilleri; Grace Gauci; Carmen Cauchi; Marija Mintoff; Maria Spiteri; G. Axiaq; Mary Buhagiar; Tancred Sultana; Elia Galea; Rose Curmi; Dolores Chetcuti; V. Farrugia; Joe Vella; Tessie Cuschieri, Kielor Downs, M. Vella.

## U.S.A.

Jane Haber; Anthony Casha; Rita Meilak; Klementa Portelli; Mary Rose Muscat; M'Angelo Cassar; Kelina Vella; Maria Grech; Francis Azzopardi; Ġorġa Azzopardi

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU

Rev. Jos. Camilleri; Fr. Joe Bezzina; Fr. Anton Saliba; Dun Manwel Curmi; Fr. Anthony Caruana SDB.; Can. Nikola Vella Apap; Dun Ġwann Mizzi; Rev. Ġorġ Mercieca SDB.; Can. Joseph Grech; Mgr. Joseph Buttigieg; Saċ. Angelo Buttigieg; Dun Karm Hili; Can. Salv Borg; P. Francesco Xavier Mifsud OSA. Can. Anton Meilak; Arċip. Carm Mercieca; Saċ. J. Sacco; Can. Coronato Grima; Can. Anton Buttigieg; Fr. Joe Portelli; Dun Ġużepp Bajada; Fr. Martinjan Cutajar OSA.; Arċip. Gius. Borg Attard; Mons. Gius. Curmi; Can. Joe Mejlak; Mons. Lawrence Gatt; Kapp. Mikiel Borg; Mons. Rosario J. Borg; Can. Joseph Said; P. Paul Galea; Arċipriet Dun Salv Muscat; Can. Salv Pace; Dun Ġorġ Vella; Dun Manwel Cutajar; P. Diego Theuma OFM Kap.; P. Alfred Xerri OFM.; P. Joseph Russell OFM Conv.; Fr. Albert Sammut OFM Conv.; Fr. Joseph Tabone; Can. Carmelo Cini; Arċip. Mons. Carmelo Scicluna; Mons. George Tabone; Mons. Gius. Farrugia Dimech; Kan. Koad. Giuseppe Gauci; Mons. Gregorio Vella; Fr. Victor Degabriele SJ; Fr. Peter Paul Cachia OSA; Can. Luigi Camilleri; Arċ. Eucaristico Sultana; Arċipriet Luigi Vella; Dun Karm Borg; Dun Anton Dimech; Dun Salv Tabone.

## PREŻENTAZZJONIJIET TA' TRABI LILL-MADONNA TA' PINU

Frank Galea — Żebbuġ; Jason Falzon — Melbourne, Awstralja; Philip Cachia — Victoria; Anna Maria Grima — Victoria; Dorianne Attard — Għajnsielem; Magdalene Schembri — Victoria; Gorgianne Cachia — Victoria; Charlene Galea — Victoria; Maximilian Mercieca — Victoria; Joseph Bugeja — Victoria; Stefan Azzopardi — Għarb; Louis Portelli — Victoria; Joseph Mifsud — Victoria; George Attard — Victoria; Sonia Marie Debrincat — Kerċem; Mark George — Hamrun; Matthew Mallia — Fgura; Miriam Vella — Kerċem; Valerie Cini — Żebbuġ; Natasha Formosa — Kerċem; Dorianne Cini — Żebbuġ; Christopher Scott — Hamrun; Conrad Montebello — Żejtun; Christian Grech — San Ġiljan; Charmaine Mercieca — Xewkija, Brian Portelli — Victoria; Fiona Portelli — Żebbuġ; Raymond Abela — Qala; Silvana Abela — Qala.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Consiglio Farrugia minn Sannat u Loreta Xerrri minn Għajnsielem; Andrea Azzopardi u Helen Hili mix-Xewkija; Ġanni Saliba mix-Xewkija u Doris Cutajar minn Fontana; Ġorġ Xuereb mix-Xewkija u Frances Muscat min-Nadur; Pauline Saliba mill-Munxar u Salvu Camilleri mir-Rabat; Leli Mercieca minn Victoria u Marlene Debono mill-Qala; Joe Bugeja mix-Xewkija u Maria Axiak minn San Lawrenz; Frank Buttigieg min-Nadur u Carmen Mercieca minn Victoria; Joe Bajada mix-Xagħra u Maria Saliba mix-Xewkija; Andrea Vella u Antonia Xuereb mix-Xewkija; John Tabone u Josephine Spiteri mix-Xewkija.

## MAGħMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU

Loretta Vella bint Karmnu u M'Rose neè Cassar minn San Lawrenz; Charlene Galea bint Ġorġ u Annunzjata neè Caruana minn Victoria; Stasienne Galea bint Joe u Michelle neè Tabone.

# MARY THE VIRGIN

*(jaqbad minn paġna 411)*

her blessed; and her son, who is God, has promised that the Church will endure to time's closing.

The first person to call Mary blessed was Gabriel the Angel. The second was her cousin Elizabeth, mother of John the Baptist. It was an arduous journey that Mary the Virgin undertook to visit Elizabeth. One may easily guess at her motives for the trip. Her cousin would appreciate that help of a young woman relative, because Elizabeth was far advanced In years, and to carry John the Baptist under her heart must have been difficult for her. Further, Mary was a prudent person who wanted to be totally sure that Gabriel's prophecy to her had been no illusion; he had cited the aged Elizabeth's pregnancy as a sign of the truth of his words. And finally, in helping in the preparations for the birth of John the Baptizer, Mary would learn much that would be helpful in preparing for the arrival of her own son.

An arduous journey it was indeed from Nazareth to the birthplace of the Baptist. Israel, to the surprise of many visitors, is a country of steep hills and deep valleys. Seldom does the modern pilgrim find himself oor herself walking or motoring on the level ground. Travelling is a going up and a going down. And the village which was the Baptist's birthplace is in a deep valley folded into steeply descending and ascending hillsides. It was far from easy for Mary to travel from Nazareth to that village; it is good that she was young and vigorous, a teenager with a teenager's endurance and energy.

"Blessed Mother of God", the generations have called her, and continue to call her. It is indeed a strange-enough title. How can a human being, a crature created in time out of nothingness — how can any women, a woman who did not so much as exist a few years earlier, how could she be "Mother of God"? — mother of the infinite Uncreated One? She is Mother of God because the Son who was divinely conceived in her womb, and whom she brought forth at Betlehem on the first Christmas day, is God Incarnate.

He is God, he is also man. He is man, he is also God. He is Mary's son as a human being, but this human son of hers is God who has taken from her the humanity in which he redeemed humankind from enslavement to sin. He is God-man, he is a Person of the undivided and indivisible Trinity, and in him and through him is shown forth the greatest glory of God — God's infinite goodness.

"From this day forward", sang Mary in the inspired words of her Magnificat in the house of John the Baptist, "all generations will call me blessed" And blessed indeed we continue to call her — Blessed Virgin, Blessed Mother of God, Blessed Mary. We will continue to do so as long as there are human beings on Planet Earth. She is the blessed teenager through whom God entered among us as one of us to make our Christmases and all our days blessed

# WARDA LIL MADONNA

KULL ABBONAMENT HUWA WARDA LIL MADONNA.
AKTAR ABBONAMENTI: AKTAR WARD LIL MADONNA.
L-ABBONAMENTI HUMA TURIJA TA' QIMA LIL MADONNA.



**Iġbor Abbonati**
**Għar-Rivista**
**"Madonna ta' Pinu"**

- XERRED DEJJEM L-ISTAMPA T-TAJBA
- ĦAJJAR LILL-OĦRAJN JAQRAW LETTERATURA MARJANA.
- TRID TOFFRI RIGAL UTLI LIL ĦABIBEK? ABBONAH FIR-REVISTA "MADONNA TA' PINU".

Ibgħat l-indirizzi ta' l-abbonati l-ġodda lil:

Amministratur,
"Madonna Ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu — Għawdex.



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat-twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tivveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*